ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 346

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

23 ta' Diċembru 2009

Werrej

V *Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom*

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1283/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** 1

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika ta' Ginea** 26

★ **Regolament ta' implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1285/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 501/2009** 39

★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1286/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban** 42

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/1002/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea** 47

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Prezz: 4 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/1003/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea** 51

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/1004/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.** 58

MT

V

(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1283/2009

tat-22 ta' Diċembru 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 215(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/573/PESK tas-27 ta' Lulju 2009 [1] u d-Deċiżjoni 2009/1002/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009 [2] li jemendaw il-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK [3] dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Korea ta' Fuq ") u li timplimenta r-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) F'konformità mar-Riżoluzzjoni 1874 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, ġew imposti miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-Korea ta' Fuq permezz tal-Pożizzjoni Komuni 2009/573/PESK, inkluża partikolarment projbizzjoni fuq il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' ċerti oġġetti, materjali, tagħmir, merkanzija u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi. Id-Deċiżjoni 2009/1002/PESK tispeċifika li din il-projbizzjoni għandha tinkludi kull merkanzija u teknoloġija ta' użu doppju elenkata fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (tfassil mill-ġdid) [4].

(3) Il-Pożizzjoni Komuni 2009/573/PESK tipprevedi wkoll l-ispezzjoni ta' ċerta merkanzija destinata għal jew provenjenti mill-Korea ta' Fuq u, fil-każ tal-inġenji tal-ajru u l-bastimenti, għall-provvista ta' informazzjoni addizzjonali qabel il-wasla jew it-tluq fir-rigward ta' merkanzija li tidħol fl-Unjoni jew toħroġ minnha. Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'konformità mad-dispożizzjonijiet għad-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u tal-ħruġ tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju [5], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju [6].

(4) Il-Pożizzjoni Komuni 2009/573/PESK tipprevedi wkoll projbizzjoni fuq is-servizzi ta' bunkering jew kwalunkwe servizz ieħor lill-bastimenti tal-Korea ta' Fuq sabiex jiġi impedit it-trasport ta' oġġetti li l-esportazzjoni tagħhom hija projbita skont ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 [7].

(5) Il-Pożizzjoni Komuni 2009/573/PESK testendi wkoll il-miżuri għall-iffriżar ta' fondi għal kategoriji oħrajn ta' persuni u tintroduċi miżuri ta' viġilanza finanzjarja fir-rigward tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi.

(6) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, notevolment bil-ħsieb li tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija għalhekk meħtieġa leġislazzjoni tal-Unjoni sabiex dawn jiġu implimentati safejn hija kkonċernata l-Unjoni.

[1] ĠU L 197, 29.07.2009, p. 111.
[2] ĠU L 344, 23.12.2009, p. 47.
[3] ĠU L 322, 22.11.2006, p. 32.
[4] ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.
[5] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.
[6] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[7] ĠU L 88, 29.3.2007, p. 1.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(8) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali ta' persuni fiżiċi taħt dan ir-Regolament għandu jirrispetta r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data [1], u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2].

(9) Bil-għan li jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa b'dan emendat kif ġej:

1) L-Artikolu 1(8) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"8. 'territorju tal-Unjoni' tfisser it-territorji tal-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħhom.";

2) L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretti jew indiretti, tal-merkanzija u t-teknoloġija, inkluż is-software, elenkati fl-Annessi I u Ia, kemm jekk joriginaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(b) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjoni msemmija fil-punt (a).

2. L-Anness I għandu jinkludi kull oġġett, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija, inkluż is-software, li huma oġġetti jew teknoloġiji b'użu doppju kif definit fir-Regolament (KE) Nru 428/2009 [1].

L-Anness Ia għandyu jinkludi oġġetti, materjal, tagħmir, merkanzija u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi.

3. Għandu jkun ipprojbit li jinxtraw, jiġu importati jew trasportati mill-Korea ta' Fuq il-merkanzija u t-teknoloġija elenkati fl-Annessi I u Ia, kemm jekk l-oġġett kkonċernat jorigina mill-Korea ta' Fuq u kemm jekk le.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[2] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

[1] ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.";

3) L-Artikolu 3(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jiġi pprojbit:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika relatata mal-merkanzija u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I u Ia, u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' merkanzija elenkata fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I u Ia lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq, jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-merkanzija u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I u Ia, inklużi b'mod partikolari l-ġhotjiet, is-self u l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(c) li tinkiseb, b'mod dirett jew indirett, assistenza teknika relatata mal-merkanzija u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I u Ia, u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I u Ia minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(d) li jinkiseb, b'mod dirett jew indirett, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-merkanzija u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Komuni tal-UE ta' Tagħmir Militari jew fl-Annessi I u Ia, inklużi b'mod partikolari l-ġhotjiet, is-self u l-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għal kwalunkwe forniment ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Korea ta' Fuq jew għall-użu f'dan il-pajjiż;

(e) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d).";

4) Għandu jiżdied l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

1. Bil-għan li jiġi impedit it-trasferiment ta' merkanzija u teknoloġija elenkati fl-Anness I u Ia li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi, jew tal-oġġetti ta' lussu elenkati fl-Anness III, l-inġenji tal-ajru li jġorru l-merkanzija u l-bastimenti merkantili destinati għal u provenjenti mill-Korea ta' Fuq u l-bastimenti tal-Korea ta' Fuq għandhom ikunu meħtieġa jippreżentaw lill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, informazzjoni qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija li tidħol fl-Unjoni jew toħroġ minnha.

Ir-regoli li jirregolaw l-obbligu ta' forniment ta' informazzjoni qabel il-wasla jew it-tluq, b'mod partikolari l-perijodi ta' żmien li għandhom jiġu rrispettati u d-data li għandha tinħtieġ, għandhom ikunu kif stabbiliti fid-dispożizzjonijiet applikabbli dwar id-dikjarazzjonijiet sommarji tad-dħul u tal-ħruġ kif ukoll id-dikjarazzjonijiet doganali fir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], u r-Regolament tal–Kummissjoni (KE) Nru 1875/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2]

Barra minn hekk, l-inġenji tal-ajru li jġorru l-merkanzija u l-bastimenti merkantili destinati jew provenjenti mill-Korea ta' Fuq, jew ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jiddikjaraw jekk il-merkanzija hijiex koperta minn dan ir-Regolament u, jekk l-esportazzjoni tagħhom hi soġġetta għall-awtorizzazzjoni, jispeċifikaw id-dettalji tal-liċenzja għall-esportazzjoni li tkun ngħatat.

Sal-31 ta' Diċembru 2010, id-dikjarazzjonijiet sommarji ta' dħul u ta' ħruġ u l-elementi addizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu jistgħu jiġu ppreżentati bil-miktub, bl-użu ta' informazzjoni kummerċjali, tal-port jew tat-trasport, bil-kondizzjoni li jkun fiha d-dettalji meħtieġa.

Mill-1 ta' Jannar 2011, l-elementi addizzjonali meħtieġa msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ppreżentati jew bil-miktub jew bl-użu ta' dikjarazzjonijiet sommarji ta' dħul u ta' ħruġ skont il-każ.

2. Il-forniment minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri ta' servizzi ta' bunkering jew ta' forniment lill-bastimenti, jew kwalunkwe manutenzjoni oħra ta' bastimenti, lill-bastimenti tal-Korea ta' Fuq hu pprojbit jekk min jipprovdi s-servizz ikollu informazzjoni, inkluż mill-awtoritajiet tad-dwana kompetenti abbażi tal-informazzjoni qabel il-wasla jew it-tluq imsemmija fil-paragrafu 1, li tipprovdi bażijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li l-bastimenti jkunu qegħdin iġorru oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti taħt dan ir-Regolament, sakemm il-forniment ta' dawn is-servizzi ma jkunx meħtieġ għal finijiet umanitarji.

[1] ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13.
[2] ĠU L 360, 19.12.2006, p. 64.";

5) L-Artikolu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

1. Għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fil-lista fl-Anness IV, kif ukoll dawk li huma l-proprjetà tagħhom, jew miżmuma jew kkontrollati minnhom. L-Anness IV għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet jew il-korpi maħtura mill-Kumitat dwar is-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonjiet Uniti f'konformità mal-paragrafu 8(d) tar-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU.

2. Għandhom jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-persuni, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fil-lista fl-Anness V, kif ukoll dawk li huma l-proprjetà tagħhom, jew miżmuma jew kkontrollati minnhom. L-Anness V għandu jinkludi l-persuni, l-entitajiet jew il-korpi li mhumiex elenkati fl-Anness IV, li, f'konformità mal-Artikolu 4 (1) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK, ikunu ġew identifikati mill-Kunsill:

(a) bħala responsabbli għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa u ma' missili ballistiċi, kif ukoll persuni jew korpi li jaġixxu f'isimhom jew fuq l-istruzzjonijiet tagħhom jew l-entitajiet li huma prorpjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom; jew

(b) li jipprovdu servizzi finanzjarji jew it-trasferiment għat-territorju tal-Unjoni, li jgħaddi minnu, jew li jsir minnu, jew li jinvolvi ċ-ċittadini ta' Stati Membri jew entitajiet skont il-liġijiet tagħhom, jew persuni jew istituzzjonijiet finanzjarji li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, ta' kwalunkwe attiv jew riżors finanzjarju jew ta' xort'oħra li jista' jikkontribwixxi għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi, kif ukoll persuni jew korpi li jaġixxu f'isimhom jew taħt istruzzjonijiet tagħhom u l-entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew ikkontrollati minnhom.

L-Anness V għandu jiġi rivedut regolarment u mill-inqas kull 12-il xahar.

3. L-Annessi IV u V għandhom jinkludu, fejn disponibbli, informazzjoni dwar il-persuni fiżiċi elenkati għall-fini ta' identifikazzjoni suffiċjenti tal-persuni kkonċernati.

Din l-informazzjoni tista' tinkludi:

a) il-kunjom u ismijiet mogħtija, inklużi psewdonimi u titoli, fejn ikun hemm;

b) id-data u l-post tat-twelid;

c) iċ-ċittadinanza;

d) in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità;

e) in-numri tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali;

f) is-sess;

g) l-indirizz jew informazzjoni oħra dwar fejn tinsab il-persuna;

h) il-funzjoni jew il-professjoni;

i) id-data tal-ħatra.

L-Annessi IV u V għandu jkun fihom ukoll ir-raġunijiet għall-elenkar, bħall-impjieg.

L-Annessi IV u V jistgħu jinkludu wkoll informazzjoni għall-finijiet tal-identifikazzjoni kif msemmi hawn fuq, dwar il-membri tal-familja tal-persuni elenkati, dment li din l-informazzjoni hi meħtieġa f'każ speċifiku għall-fini ewlieni li tiġi vverifikata l-identità tal-persuna fiżika elenkata inkwistjoni.

4. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi IV u V jew għall-benefiċċju tagħhom.

5. Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun, direttament jew indirettament, li jaħarbu mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.";

6) L-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw, taħt il-kondizzjonijiet li huma jikkunsidraw adatti, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk jintlaħqu l-kondizzjonjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

(i) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Annessi IV jew V u l-membri dipendenti tal-familji tagħhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, ħlas ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(ii) maħsuba esklusivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-għoti ta' servizzi legali; jew

(iii) maħsuba esklussivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizzi ta' rutina fiż-żamma ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati; u

(b) meta l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, l-Istat Membru kkonċernat innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u l-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għal dik l-azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' ħidma min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 6 l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtrorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew jagħmlu disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkun stabbilit li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li

(a) meta l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet kien nnotifikat b'din id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni ġiet approvata minn dak il-Kumitat, u

(b) meta l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness V, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li fuqhom huwa jikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni li tkun ingħatat taħt il-paragrafi 1 u 2. ";

7) L-Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 8

B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, li huma indikati fuq il-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw l-iżblukkar ta' ċerti fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati, bil-kondizzjoni li jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi li huma s-soġġett ta' rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data tal-ħatra tal-persuna, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 6, jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet żgurati minn dan ir-rahan jew rikkonoxxuti bħala validi f'din is-sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) ir-rahan jew is-sentenza mhumiex għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness IV jew V;

(d) ir-rikonoxximent tar-rahan jew tas-sentenza mhuwiex kuntrarju għall-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; u

(e) ir-rahan jew is-sentenza fir-rigward ta'l-persuni, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness IV ikunu ġew innotifikati mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat dwar is-Sanzjonijiet.";

8) L-Artikolu 9 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

1. L-Artikolu 6(4) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti minn terzi persuni fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda f'tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali transazzjonijiet.

2. L-Artikolu 6(4) ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

(a) interessi jew rikavati oħrajn fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimijiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha tkun nħatret il-persuna, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 6,

bil-kondizzjoni li kwalunkwe mgħax, rikavat u ħlas ieħor ta' dan it-tip ikun ġie ffriżat f'konformità mal-Artikolu 6(1) jew 6(2)."

9) L-Artikolu 11 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew li jinċaħad li dawn il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jitpoġġew għad-disponibbiltà, li jitwettqu f'bona fede abbażi tal-fatt li din l-azzjoni tkun f'konformità ma' dan ir-Regolament, ma għandhom iwasslu għall-ebda tip ta' responsabbiltà min-naħa ta' persuna fiżika jew ġuridika jew entità jew korp li qiegħda timplimentahom, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, dment li ma jkunx ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jkunu ġew iffriżati jew miżmuma b'riżultat ta' negligenza.

2. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 6(4), m'għandhom iwasslu għall-ebda tip ta' responsabbiltà min-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi kkonċernati, jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.";

10) Għandu jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 11a*

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16 għandhom, fl-attivitajiet tagħhom ma' istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji msemmija fil-paragrafu 2, u bil-għan li jevitaw li dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa u ma' missili ballistiċi:

(a) jeżerċitaw viġilanza kontinwa fuq l-attivitajiet tal-kontijiet, b'mod partikolari permezz tal-programmi tagħhom dwar il-viġilanza dovuta tal-klijenti u l-obbligi tagħhom marbutin mal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

(b) jeħtieġu li fl-istruzzjonijiet dwar il-ħlasijiet, l-entrati ta' informazzjoni kollha li huma marbutin mal-oriġinatur u mal-benefiċjarju tat-transazzjoni inkwistjoni jimtlew u, jekk dik l-informazzjonijiet ma tkunx ipprovduta, jirrifjutaw it-transazzjoni;

(c) iżommu r-rekords kollha tat-transazzjonijiet għal perijodu ta' ħames snin u fuq talba, ipoġġuhom għad-disponibbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali; u

(d) jekk jiġihom suspett jew ikollhom raġunijiet raġonevoli ta' suspett li l-fondi huma marbutin mal-finanzjament tal-proliferazzjoni, minnufih jagħmlu rapport dwar is-suspetti tagħhom lill-Unità tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) jew xi awtorità kompetenti oħra maħtura mill-Istat Membru kkonċernat, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness II, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(1) jew l-Artikolu 6. L-UIF jew awtorità kompetenti oħra għandha sservi ta' ċentru nazzjonali li jirċievi u janalizza r-rapporti dwar it-transazzjonijiet li jnisslu suspett dwar il-finanzjament potenzjali tal-proliferazzjoni. L-UIF jew xi awtorità kompetenti oħra għandu jkollha aċċess, dirett jew indirett, fuq bażi f'waqtha, għall-informazzjoni finanzjarja, amministrattiva u ta' infurzar tal-liġi li tkun teħtieġ sabiex twettaq din il-funzjoni b'mod adatt, inkluża l-analiżi ta' rapporti dwar transazzjonijiet li jnisslu suspett.

2. Il-miżuri mniżżlin fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji fl-attivitajiet tagħhom ma':

(a) istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji ddomiċiljati fil-Korea ta' Fuq;

(b) il-fergħat u s-sussidjarji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16, li huma ddomiċiljati fil-Korea ta' Fuq, kif elenkati fl-Anness VI;

(c) il-fergħat u s-sussidjarji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16, li huma ddomiċiljati fil-Korea ta' Fuq, kif elenkati fl-Anness VI; u

(d) l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji li la huma ddomiċiljati fil-Korea ta' Fuq u lanqas ma jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16, li madankollu huma kkontrollati minn persuni jew entitajiet iddomiċiljati fil-Korea ta' Fuq, kif elenkati fl-Anness VI.";

11) L-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 13*

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li:

(a) temenda l-Anness Ia abbażi tad-determinazzjonijiet li jkunu saru jew mill-Kumitat dwar is-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u, fejn adatt, li żżid in-numri ta' referenza meħudin min-Nomenklatura Magħquda kif imniżżel fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87;

(b) temenda l-Anness II abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri;

(c) temenda l-Anness III sabiex tirfina jew tadatta l-lista tal-oġġetti inkluża fih, skont kwalunkwe definizzjoni jew linja gwida li tista' tiġi ppromulgata mill-Kumitat dwar is-Sanzjonijiet jew li żżid in-numri ta' referenza tan-Nomenklatura Magħquda kif imniżżlin fl-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jekk meħtieġ jew adatt;

(d) temenda l-Anness IV abbażi tad-determinazzjonijiet li jkunu saru jew mill-Kumitat dwar is-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; u

(e) temenda l-Annessi V u VI f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda dwar l-Annessi II, III, IV u V għall-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK.

2. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1].

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.";

12) L-Artikolu 16 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni;

(b) abbord kwalunkwe inġenju tal-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Unjoni li tkun ċittadin ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li jsir b'mod sħiħ jew parzjali fl-Unjoni.";

13) L-Anness I għandu jiġi sostitwit bit-test fl-Anness I għal dan ir-Regolament;

14) L-Anness IV għandu jiġi sostitwit bit-test fl-Anness II għal dan ir-Regolament;

15) It-test fl-Anness III għal dan ir-Regolament għandu jiżdied bħala l-Anness V;

16) It-test fl-Anness IV għal dan ir-Regolament għandu jiżdied bħala l-Anness VI.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. CARLGREN

ANNESS I

"ANNESS I

MERKANZIJA U TEKNOLOĠIJA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2 U 3

Il-merkanzija u t-teknoloġija kollha elenkata fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

ANNESS Ia

MERKANZIJA U TEKNOLOĠIJA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2 U 3

Oġġetti, materjali, tagħmir, oġġetti u teknoloġija oħrajn li jistgħu jikkontribwixxi għall-programmi tal-Korea ta' Fuq marbutin mal-armi nukleari, ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew ma' missili ballistiċi.

1. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, in-numri ta' referenza użati fil-kolonna bit-titlu 'Deskrizzjoni' jirreferu għad-deskrizzjonijiet tal-oġġetti u t-teknoloġiji b'użu doppju li jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

2. Numru ta' referenza li jidher fil-kolonna bit-titolu 'Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009' ifisser li l-karatteristiċi tal-oġġett deskritt fil-kolonna 'Deskrizzjoni' huma barra mill-parametri li jinsabu fid-deskrizzjoni tal-punt dwar użu doppju li għalih qed issir referenza.

3. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn 'virgoletti singoli' jinsabu fin-nota teknika għall-oġġett rilevanti.

4. Id-definizzjonijiet tat-termini bejn 'virgoletti doppji' jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 428/2009.

NOTI ĠENERALI

1. L-iskop tal-projbizzjonijiet li jinsabu f'dan l-Anness m'għandhomx jingħelbu mill-esportazzjoni ta' kwalunkwe oġġett mhux ipprojbit (inklużi pjanti) li fihom wieħed jew aktar mill-komponenti pprojbiti meta l-komponent jew komponenti pprojbiti huma l-element prinċipali tal-oġġetti u jistgħu possibbilment jitneħħew jew jintużaw għal għanijiet oħra.

   N.B. Biex jiġi vvalutat jekk il-komponent jew komponenti pprojbiti għandhomx jitqiesu bħala l-element prinċipali, hu meħtieġ li jiġu evalwati l-fatturi tal-kwantità, tal-valur u tal-konoxxenza teknoloġika involuti u ċirkostanzi speċjali oħrajn li jistgħu jistabbilixxu l-komponent jew komponenti pprojbiti bħala l-element prinċipali tal-oġġetti pprovduti.

2. L-oġġetti speċifikati f'dan l-Anness jinkludu kemm oġġetti ġodda kif ukoll użati.

NOTA ĠENERALI DWAR IT-TEKNOLOĠIJA (NĠT)

(Li għandha tinqara flimkien mal-Parti C.)

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tat- 'teknoloġija' li hija 'meħtieġa' għall- 'iżvilupp', il- 'produzzjoni' jew l- 'użu' ta' oġġetti li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti fil-Parti A (Oġġetti) hawn taħt, huma pprojbiti skont id-dispożizzjonijiet tal-Parti B.

2. It- 'teknoloġija' 'meħtieġa' għall- 'iżvilupp', il- 'produzzjoni' jew l- 'użu' ta' oġġetti pprojbiti tibqa' pprojbita anke meta applikabbli għal oġġetti mhux pprojbiti.

3. Il-projbizzjonijiet ma japplikawx għal dik it- 'teknoloġija' li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, it-tħaddim, il-manutenzjoni (iċċekkjar) u t- tiswija ta' dawk l-oġġetti li m'humiex ipprojbiti.

4. Il-projbizzjonijiet fuq trasferiment ta' 'teknoloġija' ma japplikawx għal informazzjoni 'fid-dominju pubbliku', għal 'riċerka xjentifika bażika' jew għall-informazzjoni minima meħtieġa għal applikazzjonijiet ta' privattivi.

A. OĠĠETTI

MATERJALI, FAĊILITAJIET, U TAGĦMIR NUKLEARI

I.A0. **Merkanzija**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A0.001	Lampi tal-katodju, vojta minn ġewwa, kif ġej: a. Lampi tal-katodju tal-jodju, vojta minn ġewwa, bit-twieqi tas-silikon jew tal-kwarz; b. Lampi tal-katodju tal-uranju, vojta minn ġewwa	

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A0.002	Iżolaturi Faraday li jaqgħu fi ħdan medda ta' tul ta' mewġ ta' bejn 500 nm – 650 nm	
I.A0.003	Retikoli ottiċi fi ħdan medda ta' tul ta' mewġ ta' bejn 500 nm – 650 nm	
I.A0.004	Fibbri ottiċi fi ħdan medda ta' tul ta' mewġ ta' bejn 500 nm - 650 nm miksijin b'saffi mhux riflettenti fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' bejn 500 nm - 650 nm u li jkollhom dijametru ċentrali akbar minn 0.4 mm iżda ma jeċċedix 2 mm.	
I.A0.005	Komponenti ta' kontenituri ta' reatturi nukleari u apparat għall-ittestjar, minbarra dawk speċifikati f'0A001, kif ġej: a. Siġilli; b. Komponenti interni; c. Apparat ta' ssiġillar, ittestjar u kejl.	0A001
I.A0.006	Sistemi ta' sejba nukleari, minbarra dawk speċifikati f'0A001.j. jew 1A004.c., għas-sejba, l-identifikazzjoni jew il-kwantifikazzjoni ta' materjali radjuttivi jew radjazzjoni ta' oriġini nukleari u komponenti ddisnjati apposta għal dan. *N.B.: Għal tagħmir personali rreferi għal I.A1.004 hawn taħt.*	0A001.j. 1A004.c.
I.A0.007	Valvi ssiġillati bil-minfaħ minbarra dawk speċifikati f'0B001.c.6, 2A226 jew 2B350, magħmulin minn lega tal-aluminju jew stainless steel tat-tip 304, 304L jew 316L.	0B001.c.6.2A226 2B350
I.A0.008	Mirja tal-lejżer, minbarra dawk speċifikati f'6A005.e., li jikkonsistu minn substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' 10^{-6}K-1 jew inqas għal 20 °C (eż. silika fuża jew żaffir). *Nota: Dan l-oġġett ma jkoprix sistemi ottiċi ddisinjati speċjalment għal applikazzjonijiet ta' astronomija, ħlief jekk il-mirja jkun fihom silika fuża.*	0B001.g.5. 6A005.e.
I.A0.009	Mirja tal-lejżer, minbarra dawk speċifikati f'6A005.e.2, li jikkonsistu minn substrati b'koeffiċjent ta' espansjoni termali ta' 10^{-6}K-1 jew inqas għal 20 °C (eż. silika fuża).	0B001.g. 6A005.e.2.
I.A0.010	Pajpijiet, sistemi ta' pajpijiet, flanġijiet, aċċessorji magħmula minn jew miksija bin-nikil, jew lega tan-nikil, li jkun fiha minn 40 % nikil bil-piż, minbarra dawk speċifikati f'2B350.h.1.	2B350
I.A0.011	Pompi tal-vakum minbarra dawk speċifikati f'0B002.f.2 jew 2B231, kif ġej: a. Pompi turbo molekulari b'rata ta' fluss daqs jew ikbar minn 400 l/s; b. Pompi tal-vakum tat-tip Roots b'rata ta' fluss ta' aspirazzjoni volumetrika ta' aktar minn 200 m^3/h; c. Kumpressuri tax-xott f'forma ta' spiral bil-minfaħ u pompi vojta minn ġewwa f'forma ta' spiral issiġillati bil-minfaħ.	0B002.f.2. 2B231
I.A0.012	Magħlaq protett għall-manipulazzjoni, il-ħażna u l-immaniġġar ta' sustanzi radjuattivi (ċelloli jaħarqu)	0B006

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A0.013	'Uranju naturali' jew 'uranju eżawrit' jew torju fil-forma ta' metall, lega, kompost kimiku jew konċentrat u kwalunkwe materjal ieħor li fih wieħed jew iktar minn dawn is-sustanzi msemmija, minbarra dawk speċifikati f'0C001.	0C001
I.A0.014	Kmamar tad-detonazzjoni b'kapaċità ta' assorbiment ta' splużjoni ta' aktar mill-ekwivalenti ta' 2.5 kg TNT.	

MATERJALI SPEĊJALI U TAGĦMIR RELATAT

I.A1. **Merkanzija**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A1.001	Aċidu fosforiku ta' bis(2-etileżil) (HDEHP jew D2HPA) Numru tal-Astratti Kimiċi (CAS): solvent [CAS 298-07-7] fi kwalunkwe kwantità, b'purità aktar minn 90 %.	
I.A1.002	Gass fluworin CAS: [7782-41-4], b'purità ta' mill-inqas 95 %.	
I.A1.003	Siġilli u gaskits f'forma ta' ċrieki, b'dijametru intern ta' 400 mm jew inqas, magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Kopolimeri ta' fluworur tal-vinilidin li għandhom 75 % jew aktar struttura kristallina beta mingħajr tiġbid; b. Polimidi fluworinati li għandhom piż ta' 10 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; c. Elastomeri tal-fosfażin fluworinat li għandhom piż ta' 30 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; d. Poliklorotrifloretilene (PCTFE, e.g. Kel-F ®); e. Fluworoelastomeri (eż., Viton ®, Tecnoflon ®); f. Politetrafluworoetilen (PTFE)	1A001
I.A1.004	Tagħmir personali għas-sejba ta' radjazzjoni ta' oriġini nukleari, minbarra dak speċifikat f'1A004.c., inklużi dożimetri personali.	1A004.c.
I.A1.005	Ċelluli elettrolitiċi għall-produzzjoni tal-fluworu, minbarra dawk speċifikati f'1B225, b'kapaċità ta' produzzjoni ikbar minn 100 g ta' fluworu fis-siegħa.	1B225
I.A1.006	Katalizzaturi, minbarra dawk speċifikati f'1A225 jew 1B231, li fihom il-platinu, il-palladju jew ir-rodju, li jistgħu jintużaw għall-promozzjoni tar-reazzjoni ta' skambju iżotopiku tal-idroġenu bejn l-idroġenu u l-ilma għall-irkupru tat-tritju mill-ilma tqil jew għall-produzzjoni ta' ilma tqil.	1A225 1B231
I.A1.007	Aluminju u l-legi tiegħu, minbarra dawk speċifikati f'1C002.b.4 jew 1C202.a, f'forma mhux maħduma jew semifabbrikata b'waħda minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin: a. 'Kapaċi għal' limitu tar-reżistenza għat-tensjoni ta' 460 MPa jew iktar b'293 K (20 °C); jew b. B'reżistenza għat-tensjoni ta' 415 MPa jew iktar b'293 K (25 °C). *Nota teknika:* *Il-frażi tal-ligi 'kapaċi għal' tinkorpora ligi qabel jew wara t-trattament bis-sħana.*	1C002.b.4. 1C202.a.

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A1.008	Metalli manjetiċi, ta' kull tip u ta' kull forma, minbarra dawk speċifikati f'1C003.a. li jkollhom "permeabbiltà relattiva inizjali" ta' 120 000 jew aktar u ħxuna ta' bejn 0.05 mm u 0.1 mm. *Nota teknika:* *Il-kejl tal-'permeabilità relattiva inizjali' għandu jsir fuq materjali kompletament ittemprati.*	1C003.a.
I.A1.009	'Materjali fibrużi u bil-filamenti' jew prepregs, minbarra dawk speċifikati f'1C010.a., 1C010.b., 1C210.a. jew 1C210.b. kif ġej: a. 'Materjali fibrużi jew filamentari' armidi li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1.A 'modulus speċifiku' li jaqbeż l-10 × 10^6 m; jew 2.A 'Reżistenza għat-tensjoni speċifika' li taqbeż is-17 × 10^4 m; b. 'Materjali fibrużi jew filamentari' tal-ħġieġ li għandhom waħda mill- karatteristiċi li ġejjin: 1.A 'Modulus speċifiku' li jaqbeż it-3.18 × 10^6 m; jew 2.A 'Reżistenza għat-tensjoni speċifika' li taqbeż is-76 × 10^3 m; c. 'Ħjut', 'rovings', 'irmunkar' jew 'rutelli' kontinwi li għandhom fihom reżina tat-termoset wiesa' 15 mm jew inqas (prepregs), magħmula minn 'materjali fibrużi jew filamentari' tal-ħġieġ minbarra dawk speċifikati f'I.A1.010.a. hawn taħt. d. 'Materjali fibrużi jew filamentari' tal-karbonju; e. 'Ħjut', 'rovings', 'irmunkar' jew 'rutelli' kontinwi li huma ssettjati bis-sħana u fihom ir-reżina magħmula minn 'materjali fibrużi jew filamentari' tal-karbonju; f. 'Ħjut', 'rovings', 'irmunkar' jew 'rutelli' kontinwi tal-polyacrylonitrile (PAN) g. 'Materjali fibrużi jew filamentari' para-armidi (Kevlar ® u tipi oħrajn ta' fibri tat-tip Kevlar ®)	1C010.a. 1C010.b. 1C210.a. 1C210.b.
I.A1.010	Fibri magħmula mir-reżina jew miż-żift/qatran (prepregs), fibri tal-metall jew miksija bil-karbonju (materja prima) jew 'materja prima tal-fibri tal-karbonju', kif ġej: a. Magħmula minn 'materjali fibrużi jew filamentari' speċifikati f'I.A1.009 hawn fuq; b. 'Materjali fibrużi jew filamentari' tal-karbonju li fih 'matriċi' tar-reżina tal-epossi (prepregs), speċifikati f'1C010.a., 1C010.b. jew 1C010.c., għat-tiswija tal-istrutturi tal-ajruplani jew għal-laminati, li d-daqs tal-folji inividwali tagħhom ma jeċċedix 50 cm × 90 cm c. Prepegs speċifikati f'1C010.a., 1C010.b. jew 1C010.c., meta jkollhom reżini feno-liċi jew epossi li jkollhom temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (Tg) inqas minn 433 K (160 °C) u temperatura ta' kura aktar baxxa mit-temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ.	1C010 1C210
I.A1.011	Komposti rinfurzati taċ-ċeramika tas-silikon karbajd li jintużaw għall-ponta, għal vetturi ta' rientrata, għal portelli taż-żennuni, u li jintużaw f' 'missili', minbarra dawk speċifikati f'1C107.	1C107
I.A1.012	Mhux użat	
I.A1.013	Tantalu, karbajd tat-tantalu, tungstenu, karbajd tat-tungstenu u ligi tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'1C226, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. F'forom b'simetrija ċilindrika jew sfera vojta minn ġewwa (inkluż partijiet taċ-ċilindru) b'dijametru fuq in-naħa ta' ġewwa bejn 50 mm u 300 mm; u b. Toqol ta' aktar minn 5 kg.	1C226

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A1.014	'Trabijiet elementali' tal-kobalt, neodymium jew samarium jew ligi jew taħlitiet tagħhom li fihom mill-inqas 20 % bil-piż ta' kobalt, neodymium jew samarium, bid-daqs tal-partiċella ta' inqas minn 200 µm. *Nota teknika:* *'Trab elementali' tfisser trab ta' purità għolja ta' element wieħed.*	
I.A1.015	Fosfat tat-tributyl pur (TBP) [CAS Nru 126-73-8] jew kwalunkwe taħlita b'kontenut ta' TBP ta' aktar minn 5 % bil-piż.	
I.A1.016	Azzar maraging, minbarra dawk speċifikati f'1C116 jew 1C216. *Noti tekniċi:* *1. Il-frażi azzar maraging 'kapaċi li' tinkorpora azzar maraging qabel jew wara t-trattament bis-sħana.* *2. Azzar maraging huma ligi tal-ħadid ġeneralment karatterizzati b'nikil għoli, b'kontenut ta' karbonju baxx ħafna u l-użu ta' elementi sostituzzjonali jew preċipitati biex jipproduċu s-saħħa tal-materjal biż-żmien tal-liga.*	1C116 1C216
I.A1.017	Metalli, trabijiet u materjal tal-metall kif ġej: a. Tangstinn u ligi tat-tangstinn, minbarra dawk speċifikati f'1C117, fil-forma ta' partiċelli sferiċi jew atomizzati uniformi b'dijametru (mikrometru) ta' 500 µm jew inqas b'kontenut ta' tangstinn ta' 97 % bil-piż jew ikbar; b. Molibdenu u ligi tal-molibdenu, minbarra dawk speċifikati f'1C117, fil-forma ta' partiċelli sferiċi jew atomizzati uniformi b'dijametru ta' 500 µm jew inqas b'kontenut ta' molibdenu ta' 97 % bil-piż jew ikbar; c. Matejali tat-tangstinn fil-forma solida, minbarra dawk speċifikati f'1C226 b'kompożizzjonijiet ta' materjal kif ġej: 1. Tangsten u ligi li fihom 97 % bil-piż jew aktar tangstinn; 2. Tangstinn infiltrat bir-ram li fih 80 % bil-piż jew aktar tangstinn; jew 3. Tangstinn infiltrat bil-fidda li fih 80 % bil-piż jew aktar tangstinn.	1C117 1C226
I.A1.018	Ligi manjetiċi rotob, minbarra dawk speċifikati f'1C003, b'kompożizzjoni kimika kif ġej: a Kontenut ta' ħadid bejn 30 % u 60 %; u b Kontenut ta' kobalt bejn 40 % u 60 %.	1C003
I.A1.019	Mhux użat	
I.A1.020	Grafit, minbarra dak speċifikat f'0C004 jew 1C107.a, iddisinjat jew speċifikat biex jintuża fil-Magni tal-Fabbriki għall-Elettroerożjoni (EDM - Electrical Discharge Machining)	0C004 1C107a

IPPROĊESSAR TAL-MATERJALI

I.A2. **Merkanzija**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A2.001	Sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni, tagħmir u komponenti tagħhom, minbarra dawk speċifikati f'2B116: a. Sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni li jużaw teknika fejn frazzjoni ta' sinjal li jkun intbagħat jerġa' lura jew ċirkwitu magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, kapaċi jivvibra sistema ta' aċċellerazzjoni daqs jew ikbar minn 0.1 g rms bejn 0.1 Hz u 2 kHz u jagħmel qawwa daqs jew ikbar minn 50 kN, mkejjel b' 'mejda vojta'; b. Kontrolluri diġitali, ikkombinati ma' 'software' iddisinjat speċjalment għall-ittestjar tal-vibrazzjoni, b' 'faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali' ikbar minn 5 kHz iddisinjati għall-użu mas-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f'a.; *Nota teknika:* *'Faxxa tal-frekwenza ta' kontroll f'ħin reali' hija definita bħala r-rata massima fejn kontrollur jista' juża ċikli ta' kampjuni, ipproċessar ta' data u trasmissjoni ta' sinjali ta' kontroll.* c. Magni li jagħtu mbuttatura b'vibrazzjoni (unitajiet ta' vibrazzjoni), b'amplifikaturi assoċjati jew mingħajr, li kapaċi jagħtu forza ta' 50 kN jew aktar, imkejla b' 'mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi tal-ittestjar tal-vibrazzjoni speċifikati f'a.; d. Strutturi li jsostnu l-parti għall-ittestjar u unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jgħaqqdu unitajiet ta' vibrazzjoni multipli f'sistema li hi kapaċi tipprovdi forza effettiva kombinata daqs jew akbar minn 50 kN, imkejla b' 'mejda vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati f'a. *Nota teknika:* *'mejda vojta' tfisser mejda ċatta, jew wiċċ mingħajr muntaġġi jew tagħmir imwaħħal.*	2B116
I.A2.002	Magni tal-għodda għad-dħin, minbarra dawk speċifikat f'2B001.c. or 2B201.b., ta' preċizjoni ta' ppożizzjonar bil- 'kumpens kollu disponibbli' ugwali għal jew inqas (aħjar) minn 15 µm skont ISO 230/2 (1988) [1] jew ekwivalenzi nazzjonali matul xi wieħed mill-assi lineari. [1] Manifatturi li jikkalkulaw il-preċiżjoni ta' ppożizzjonar f'konformità ma' ISO 230/2 (1997) għandhom jikkonsultaw l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn huma qegħdin stabbiliti.	2B001.c. 2B201.b.
I.A2.002a	Komponenti u kontrolli numeriċi, iddisinjati speċjalment għall-magni tal-għodod speċifikati f'2B001, 2B201 jew I.A2.002 hawn fuq.	
I.A2.003	Magni tal-ibbilanċjar u tagħmir relatat, kif ġej: a. Magni tal-ibbilanċjar, magħmula jew modifikati għal apparat dentali jew mediku ta' xorta oħra, li jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Mhumiex kapaċi jibbilanċjaw skrun/immuntar b'massa ta' aktar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw skrun/immuntar b'veloċità ta' aktar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew aktar; u 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa żbilanċ speċifiku residwu ta' 0.2 g x mm għal kull kg ta' massa tal-iskrun; b. Irjus indikaturi ddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'a. hawn fuq. *Nota teknika:* *'Irjus indikaturi' huma xi drabi magħrufa bħala strumentazzjoni tal-ibbilanċjar.*	2B119

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A2.004	Apparat għal manipulazzjoni mill-bogħod li jista' jintuża għal azzjonijiet mill-bogħod fi proċessi tas-separazzjoni radjukimika jew f'ċelel jaħarqu, minbarra dawk speċifikati f'2B225, li fihom xi karatteristika minn dawn li ġejjin: a. Kapaċi jidħol 0.3 m jew iktar f'ħajt ta' ċella tas-sħana (funzjoni tat-tip through-the-wall); jew b. Kapaċi jgħaddi minn naħa għal oħra ta' ċella taħraq b'ħajt bi ħxuna ta' 0.3 m jew iktar (funzjoni over-the-wall). *Nota teknika:* *Apparat għall-manipulazzjoni mill-bogħod jipprovdi traduzzjoni ta' azzjonijiet ta' operatur uman għal driegħ li taħdem mill-bogħod u stallazzjoni. Huma jistgħu jkunu tat-tip 'prinċipal/sekondarju' (master/slave) jew mħaddma b'joystick jew tastiera.*	2B225
I A2.005	Fran għat-trattament bis-sħana f'atmosfera kkontrollata jew fran tal-ossidazzjoni kapaċi li jaħdmu f'temperaturi ta' aktar minn 400 °C *Nota Dan il-punt ma jkoprix tunnel kilns li jimxu fuq roller jew permezz ta' karozza, tunnel kilns b'conveyor belt, kilns tat-tip li jiġu mbuttati jew shuttle kilns, iddisinjati speċjalment għall-produzzjoni tal-ħġieġ, ċeramika għall-mejda jew ċeramika strutturali.*	2B226 2B227
I.A2.006	Mhux użat	
I.A2.007	'Apparat maħsub sabiex jibdel sinjal ta' pressjoni f'sinjal ellettriku' (pressure transducers), minbarra dak definit f'2B230, li hu kapaċi jkejjel pressjonijiet assoluti f'kull punt tal-iskala minn 0 sa 200 kPa u li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Elementi sensibbli għall-pressjoni magħmula jew protetti minn 'Materjali reżistenti għat-tmermir mill-eżafluworidu tal-uranju (UF_6) ', u b. Li jkollu waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Skala sħiħa ta' inqas minn 200 kPa u 'preċiżjoni' aħjar minn ± 1 % tal-iskala sħiħa; jew 2. Skala sħiħa ta' 200 kPa jew aktar u 'preċiżjoni' aħjar minn 2 kPa. *Nota teknika:* *Għall-iskopijiet ta' 2B230, 'preċiżjoni' tinkludi n-non-linearità, l-isteresi u r-repetizzjoni f'temperatura ambjentali.*	2B230
I.A2.008	Tagħmir ta' kuntatt likwidu-likwidu (mixxelaturi separaturi, kolonni pulsati u kuntatturi ċentrifugi); u distributuri ta' likwidi, distributuri ta' fwar jew oġġetti għall-ġbir ta' likwidu mfassla għal tagħmir bħal dan, fejn kull wiċċ li jiġi f'kuntatt dirett mal-kimika/kimiċi li tkun/ikunu pproċessata/pproċessati tkun magħmula minn xi materjal li ġej: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju fil-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Grafit jew 'karbonju grafit'; e. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; f. Tantalu jew ligi tat-tantalu; g. Titanju jew ligi tat-titanju; h. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; jew i. Stainless steel.	2B350.e.

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	Nota teknika: *'Grafit tal-karbonju' hu kompożizzjoni ta' karbonju u grafit amorfu, li fiha l-kontenut ta' grafit hu ta' 8 % jew aktar fil-piż.*	
I.A2.009	Tagħmir industrijali u l-komponenti tiegħu, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.d., kif ġej: Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi b'wiċċ għat-trasferiment tas-sħana akbar minn 0.05 m^2 u inqas minn 30 m^2; u tubi, folji, serpentini jew blokki (qlub) ddisinjati għal dan it-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha f'kuntatt dirett mal-fluwidu/i jkunu magħmulin minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju fil-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Grafit jew 'karbonju grafit'; e. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; f. Tantalu jew ligi tat-tantalu; g. Titanju jew ligi tat-titanju; h. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; i. Karbur tas-silikon; j. Karbur tat-titanju; jew k. Stainless steel. *Nota: Dan il-punt ma jkoprix ir-radjaturi tal-vetturi.* *Nota teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u implimentazzjoni oħra ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tat-tagħmir għat-trasferiment tas-sħana.*	2B350.d.
I.A2.010	Pompi b'siġilli multipli jew bla siġill, minbarra dawk speċifikati fi 2B350.i, adatti għal fluwidi li jnawru, b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 0.6 m3 fis-siegħa, jew pompi tal-vakwu b'rata ta' fluss massima indikata mill-manifattur ta' iktar minn 5 m3/fis-siegħa [mkejla f'kondizzjonijiet standard ta' temperatura ta' (273 K jew 0 °C) u ta' pressjoni ta' (101.3 kPa)]; u kejsings (pump bodies), kisi ta' kejsings, disk b'għadd ta' pali ffittjati miegħu storjat f'kàver biex jiċċirkola l-ilma minflok b'pompa għal ġol-ġakits taċ-ċilindri, rotors jew pompi tal-merżuq biż-żennuna mfassla għal pompi bħal dawn, fejn kull wiċċ li jkollu kuntatt dirett mal-kimika/kimiċi li qed tkun/ikunu proċessata/proċessati hi magħmula minn kwalunkwe wieħed mill-materjali li ġejjin: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju fil-piż; b. Ċeramiki; c. Ferrosilikon; d. Fluworopolimeri; e. Ħġieġ (inkużi kisjiet vitrifikati jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); f. Grafit jew 'karbonju grafit'; g. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; h. Tantalu jew ligi tat-tantalu;	2B350.i.

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	i. Titanju jew ligi tat-titanju; j. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; k. Nijobju (columbium) jew ligi tan-nijobju; l. Stainless steel; jew m. Ligi tal-aluminju. *Nota teknika:* *Il-materjali użati għal gaskits u siġilli u implimentazzjoni oħra ta' funzjonijiet ta' ssiġillar ma jiddeterminawx l-istatus ta' kontroll tal-pompa.*	
I.A2.011	'Separaturi ċentrifugi', minbarra dawk speċifikati fi 2B352.c., b'kapaċità ta' separazzjoni kontinwa mingħajr propagazzjoni ta' aerosols u manufatturati minn: a. Ligi b'aktar minn 25 % nikil u 20 % kromju fil-piż; b. Fluworopolimeri; c. Ħġieġ (inkluża kisja vitrifikata jew tal-enamel jew kisja tal-ħġieġ); d. Nikil jew ligi b'aktar minn 40 % nikil fil-piż; e. Tantalu jew ligi tat-tantalu; f. Titanju jew ligi tat-titanju; jew g. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; *Nota teknika:* *'Separaturi ċentrifugi' jinkludu r-reċipjenti.*	2B352.c.
I.A2.012	Filtri tal-metall miksijin bil-ġir, minbarra dawk speċifikati fi 2B352.d., magħmulin min-nikil ligi tan-nikil b'aktar minn 40 % ta' nikil fil-piż.	2B352.d.
I.A2.013	Magni tat-tip spin-forming u magni tat-tip flow-forming, minbarra dawk speċifikati fi 2B009, 2B109 jew 2B209 u komponenti ddisinjati speċjalment għalihom. *Nota teknika:* *Għall-iskopijiet ta' dan il-punt, magni li jikkombinaw il-funzjonijiet ta' spin-forming u flow-forming jitqiesu bħala magni tat-tip flow-forming.*	2B009 2B109 2B209

ELETTRONIKA

I.A3. **Oġġetti**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A3.001	Provvisti ta' enerġija ta' kurrent dirett ta' qawwa għolja, minbarra dawk speċifikati f'0B001.j.5. jew 3A227, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li kontinwament jipproduċu, għal perijodu ta' tmien sieġħat, 10 kV jew aktar, bi produzzjoni ta' kurrent ta' 5 kW jew aktar, bl-isweeping jew mingħajru; u b. Kurrent jew stabbiltà ta' vultaġġ aħjar minn 0.1 % fuq perijodu ta' erba' sigħat.	0B001.j.5. 3A227

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A3.002	Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati f'0B002.g jew 3A233, li kapaċi jkejlu joni ta' 200 unit ta' massa atomika jew iktar u li għandhom riżoluzzjoni li hija aħjar minn 2 partijiet f'200, kif ġej, u sorsi ta' joni għalihom: a. Spettrometri tal-massa tal-plażma akkoppjati b'mod induttiv (ICP/MS); b. Spettrometri tal-massa li jitfgħu dawl inkandexxenti (GDMS); c. Spettrometri tal-massa tal-jonizzazzjoni termali (TIMS); d. Spettrometri tal-massa tal-bumbardament tal-elettron li għandhom kamra sorġenti mibnija minn, miksija bi jew mgħottija b' 'materjali li jirreżistu għat-tmermir mill-eżafluworidu tal-uranju UF_6'; e. Spettrometri tal-massa tad-dija molekulari li għandhom xi waħda minn dawn il-karatteristiċi li ġejjin: 1. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew mgħottija b'azzar li ma jsaddadx jew molibdenu u mgħammra b'sifun kiesaħ li kapaċi jkessaħ sa 193 K (-80 °) jew inqas; jew 2. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew mgħottija b'materjali reżistenti għal UF_6; f. Spettrometri tal-massa mgħammra b'sors tal-joni ta' ħafna żidiet ta' fluworin iddisinnjati għal aktinidi jew fluworidi aktinidi.	0B002.g 3A233
I.A3.003	Apparat li jbiddel il-frekwenza jew ġeneraturi, minbarra dawk speċifikati f'0B001.b.13 jew 3A225, li jkollu dawn il-karatteristiċi kollha li ġejjin, u komponenti u software ddisinjati speċjalment ghalihom: a. Produzzjoni tal-multiphase li kapaċi tipprovdi enerġija ta' 40 W jew akbar; b. Kapaċi jaħdmu fil-marġni ta' frekwenza bejn 600 u 2 000 Hz; u c. Kontroll tal-frekwenza aħjar (inqas) minn 0.1 %. *Noti tekniċi:* *1. Apparat li jbiddel il-frekwenza huwa magħruf ukoll bħala konverturi, inverturi, ġeneraturi, tagħmir tal-ittestjar elettroniku, provvisti AC power, apparat għat-trasmissjoni tal-forza f'makkinarju jew apparat għat-trasmissjoni tal-frekwenza.* *2. Il-funzjonalità speċifikata f'dan il-punt tista' tkun sodisfatta b'ċertu tagħmir li jkun jinsab fis-suq bħala: tagħmir għall-ittestjar elettroniku, provvisti AC power, apparat għat-rasmissjoni tal-forza f'makkinarju jew apparat għat-trasmissjoni tal-frekwenza.*	0B001.b.13. 3A225
I.A3.004	Spettrometri u diffrattometri, mfassla għat-test indikattiv jew l-analiżi kwantitattiva tal-kompożizzjoni elementali tal-metalli jew il-ligi mingħajr dekompożizzjoni kimika tal-materjal.	

SENSURI U LEJŻERS

I.A6. **Oġġetti**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A6.001	Vireg ta' granat tal-ittriju aluminju (YAG)	

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A6.002	Tagħmir u komponenti ottiċi, minbarra dawk speċifikati f'6A002 jew 6A004.b kif ġej: Ottiċi tal-infraaħmar bit-tul ta' mewġ li jvarja bejn 9 µm u 17 µm u komponenti tagħhom, inkluż il-komponenti tat-tellurur tal-kadmju (CdTe).	6A002 6A004.b.
I.A6.003	Sistemi ta' korretturi tal-fronti tal-mewġ, minbarra l-mirja speċifikati f'6A004.a, 6A005.e jew 6A005.f., biex jintużaw f'raġġ tal-lejżer b'dijametru ta' aktar minn 4mm, u elementi magħmula speċifikament għalihom, inkluż sistemi ta' kontroll, sensuri ta' fronti tal-fażi u 'mirja diformabbli' inkuż mirja bimorf.	6A004.a. 6A005.e. 6A005.f.
I.A6.004	'Lejżers' tal-joni Argon, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5, 6A005 u jew 6A205.a., li għandhom saħħa tal-ħruġ medja daqs jew ikbar minn 5 W.	0B001.g.5. 6A005.a.6. 6A205.a.
I.A6.005	'Lejżers' semikondutturi, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5., 0B001.h.6. jew 6A005.b., u komponenti tagħhom, kif ġej: a. 'Lejżers' individwali semikondutturi li jipproduċu saħħa tal-ħruġ ta' aktar minn 200 mW kull wieħed, fi kwantitajiet ta' aktar minn 100; b. Armaturi tal- 'lejżer' semikondutturi li jipproduċu saħħa tal-ħruġ ta' aktar minn 20 W. *Noti:* *1. 'Lejżers' semikondutturi huma komunement imsejħa dijodi tal- 'lejżer'.* *2. Dan il-punt ma jkoprix dijodi tal- 'lejżer' b'tul ta' mewġ fil-limitu ta' 1.2 µm - 2.0 µm.*	0B001.g.5. 0B001.h.6. 6A005.b.
I.A6.006	'Lejżers' b'semikondutturi sintonizzabbli u armaturi ta' 'lejżers' b'semikondutturi sintonizzabbli, ta' tul ta' mewġ bejn 9 µm u 17 µm, kif ukoll kolonni ta' armaturi ta' 'lejżers' b'semikondutturi li fihom mill-anqas armatura 'lejżer' waħda b'semikondutturi sintonizzabbli ta' dak it-tul ta' mewġ. *Nota:* *'Lejżers' semikondutturi huma komunement imsejħa dijodi tal- 'lejżer'.*	0B001.h.6. 6A005.b.
I.A6.007	'Lejżers' 'sinkronizzabbli' fi stat solidu, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5., 0B001.h.6. jew 6A005.c.1., u komponenti ddisinjati speċifikament għalihom, kif ġej: a. Lejżers taż-żaffir-titanju, b. Lejżers bl-alessandrite.	0B001.g.5. 0B001.h.6. 6A005.c.1.
I.A6.008	'Lejżers' (minbarra dawk tal-ħġieġ) drogat bin-neodimju, minbarra dawk speċifikati f'6A005.c.2.b., li għandhom wavelength tal-ħruġ aktar minn 1.0 µm iżda li ma jaqbiżx 1.1 µm u enerġija tal-ħruġ li taqbeż 10 J kull polz.	6A005.c.2.b.
I.A6.009	Komponenti akustiċi-ottiċi, kif ġej: a. Framing tubes u apparati għall-immaġini fl-istat solidu li jkollhom frekwenza ta' rikorrenza ta' 1kHz jew aktar; b. Forniment għal frekwenza ta' rikorrenza; c. Ċelluli pockels.	6A203.b.4.

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A6.010	Kameras reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet għalihom, barra minn dawk speċifikati f'6A203.c., iddisinjati speċjalment, jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50 x 103 Gy(silikon) (5 x 106 rad (silikon)) mingħajr degradazzjoni operattiva. *Nota teknika:* *It-terminu Gy(silikon) jirreferi għall-enerġija f'Joules għal kull kilogramm li hija assorbita minn kampjun mhux miksi tas-silikon meta tkun esposta għar-radjazzjoni ionizzanti.*	6A203.c.
I.A6.011	Oxxillaturi u amplifikaturi lejżer bl-impulsi bil-koloranti, minbarra dawk speċifikati f'0B001.g.5, 6A005 u jew 6A205.c., li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 300 nm u 800 nm; b. Jipproduċu qawwa medja ta' aktar minn 10 W iżda mhux aktar minn 30 W; c. Rata ta' ripetizzjoni li taqbeż 1 kHz; u d. Wisa' ta' impuls ta' inqas minn 100 ns. *Nota:* *Dan il-punt ma jkoprix oxxillaturi monomodi.*	0B001.g.5. 6A005 6A205.c.
I.A6.012	'Lejżers' bl-impulsi tad-dijossidu, minbarra dawk speċifikati f'0B001.h.6., 6A005.d. jew 6A205.d., li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: a. Jaħdmu f'tul ta' mewġ bejn 9 µm u 11 µm; b. Rata ta' ripetizzjoni li taqbeż 250 kHz; c. Jipproduċu saħħa tal-ħruġ medja ta' aktar minn 100 W iżda mhux aktar minn 500 W; u d. Wisa' ta' impuls ta' inqas minn 200 ns.	0B001.h.6. 6A005.d. 6A205.d.

NAVIGAZZJONI U AVJONIĊI

I.A7. **Oġġetti**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A7.001	Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali u komponenti ddisinjati speċjalment għalihom, kif ġej: a. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali ċċertifikati għall-użu fuq 'inġenji tal-ajru ċivili' mill-awtoritajiet ċivili ta' Stat parteċipant fil-Ftehim ta' Wassenaar, u l-komponenti ddisinjati speċjalment għalihom, kif ġej: 1. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali (INS) (gimballed jew strapdown) u tagħmir inerzjali ddisinjat għall- 'inġenji tal-ajru', vetturi tal-art, bastimenti (tal-wiċċ jew ta' qiegħ il-baħar) jew 'vetturi tal-ispazju' għall-attitudni, gwida jew kontroll, li jkollhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin, u l-komponenti ddisinjati speċjalment għalihom: a. Żball ta' navigazzjoni (inerzjali liberu) sussegwenti għall-alinjament normali ta' 0.8 mil nawtiku kull siegħa (nm/hr) 'Żball Ċirkolari Probabbli' (CEP) jew anqas (aħjar); jew b. Speċifikat sabiex jiffunzjona fuq livelli ta' aċċelerazzjoni lineari li taqbeż 10 g;	7A001 7A003 7A101 7A103

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
	2. Sistemi ta' Navigazzjoni Ibridi Inerzjali, li jkunu jinstabu f'Sistema/i ta' Satellita Globali ta' Navigazzjoni (GNSS) jew ma' Sistema/i ta' 'Navigazzjoni b'Referenzi f'Baži tad-Data' (Data-Based Referenced Navigation - 'DBRN') għall-attitudni, gwida jew kontroll, sussegwenti għall-allinjament normali, li jkollhom eżattezza ta' pożizzjoni ta' navigazzjoni INS wara t-telf ta' GNSS jew 'DBRN' għall-perijodu sa erbà minuti, ta' inqas minn (aħjar) 10 metri, 'Żball Ċirkolari Probabbli' (Circular Error Probable- CEP); 3. Tagħmir Inerzjali għall-Indikar tal-Ażimut, ir-Rotta jew it-Tramuntana, b'waħda mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati speċjalment għalih: a. Iddisinjat għal preċiżjoni ta' indikazzjoni tal-Ażimut, ir-Rotta jew it-Tramuntana daqs, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' ark RMS f'latitudni ta' 45 grad; jew b. Iddisisinjat li jkollu livell ta' skoss mhux operattiv ta' mill-inqas 900 g għal tul ta' mill-inqas millisekonda waħda. b. Sistemi ta' teodoliti li fihom ikun inkorporat tagħmir inerzjali iddisinjat speċjalment għal sondaġġi ta' użu ċivili u maħsub li jkollu preċiżjoni ta' Direzzjoni Azimuth, Rotta jew Tramuntana daqs, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' ark RMS f'latitudni ta' 45 grad, flimkien mal-komponenti ddisinjati speċjalment għalih. c. Tagħmir inerzjali jew tagħmir ieħor li juża l-aċċellerometri speċifikati f'7A001 jew 7A101, fejn dawn l-aċċellerometri jkunu ddisinjati speċjalment u żviluppati bħala sensuri MWD (Measurement While Drilling – Kejl Waqt it-Tħaffir) għal użu f'operazzjonijiet ta' servizzi tal-bjar. *Nota: Il-parametri ta' a.1. u a.2. huma applikabbli għall-kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet ambjentali li ġejjin:* *1. Vibrazzjoni każwali tad-dħul b'kobor globali ta' 7,7 g rms fl-ewwel nofs siegħa u ħin totali tat-test ta' siegħa u nofs għal kull assi f'kull wieħed mit-tliet assi perpendikulari, meta l-vibrazzjoni każwali tilħaq dan li ġej:* *a. Densità ta' qawwa kostanti spektrali (PSD) valur ta' 0.04 g2/Hz fuq intervall ta' frekwenza ta' 15 sa 1 000 Hz; u* *b. L-attenwati tal-PSD bi frekwenza minn 0.04 g^2/Hz sa 0.01 g^2/Hz, fuq intervall ta' frekwenza minn 1 000 sa 2 000 Hz;* *2. Rata ta' roll u yaw ugwali daqs jew aktar minn +2.62 radian/s (150 grad/s); jew* *3. Skont l-istandards nazzjonali ekwivalenti għal 1. jew 2. hawn fuq.* *Noti tekniċi:* *1. a.2.. tirreferi għal sistemi fejn l-INS u għajnuniet ta' navigazzjoni indipendenti oħrajn jinbnew f'unit uniku (ġo fih) sabiex tinkiseb prestazzjoni mtejba.* *2. 'Żball Ċirkolari Probabbli' (Circular Error Probable – CEP) - F'distribuzzjoni normali ċirkolari, ir-radju taċ-ċirku li jkun ta' 50 fil-mija tal-kejl individwali li jkun ittieħed, jew ir-radju taċ-ċirku li fih ikun hemm 50 fil-mija ta' probabbiltà li jiġi lokalizzat.*	

AJRUSPAZJU U PROPULSJONI

I.A9. **Oġġetti**

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.A9.001	Skorfini splussivi.	

B. SOFTWER

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.B.001	Softwer meħtieġ għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' oġġetti fil-Parti A. (Merkanzija).	

C. TEKNOLOĠIJA

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009
I.C.001	Teknoloġija meħtieġa għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu ta' oġġetti fil-Parti A. (Merkanzija)."	

ANNESS II

"ANNESS IV

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(1)

A. Persuni fiżiċi:

(1) **Han** Yu-ro. Kariga: Direttur ta' Korea Ryongaksan General Trading Corporation. Informazzjoni oħra: involut fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Korea ta' Fuq. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(2) **Hwang** Sok-hwa. Kariga: Direttur tal-General Bureau of Atomic Energy (GBAE). Informazzjoni oħra: involut fil-programm nukleari tal-Korea ta' Fuq bħala Kap tal-Uffiċċju ta' Gwida Xjentifika fil-GBAE; kien membru fil-Kumitat Xjentifiku fl-Istitut Konġunt għar-Riċerka Nukleari. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(3) **Ri** Hong-sop. Data tat-twelid: 1940. Kariga: Ex-Direttur, Yongbyon Nuclear Research Centre. Informazzjoni oħra: issorvelja tliet impjanti ewlenin li jassistu fil-produzzjoni tal-plutonju ta' livell militari: l-Impjant tal-Produzzjoni ta' Kombustibbli, ir-Reattur Nukleari u l-Fabbrika ta' Trattament tal-Kombustibbli Użat. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(4) **Ri** Je-son (magħruf ukoll bħala Ri Che-son). Data tat-twelid: 1938. Kariga: Direttur tal-General Bureau of Atomic Energy (GBAE), aġenzija ewlenija li tmexxi l-programm nukleari tal-Korea ta' Fuq. Informazzjoni oħra: jiffaċilita diversi proġetti nukleari inkluża l-ġestjoni mill-GBAE tal-Yongbyon Nuclear Research Centre u n-Namchongang Trading Corporation. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(5) **Yun** Ho-jin (magħruf ukoll bħala **Yun** Ho-chin). Data tat-twelid: 13.10.1944. Kariga: Direttur tan-Namchongang Trading Corporation. Informazzjoni oħra: jissorvelja l-importazzjoni tal-oġġetti meħtieġa għall-programm ta' arrikkiment tal-uranju. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi:

(1) **Korea Mining Development Trading Corporation** (magħrufa wkoll bħala (a) CHANGGWANG SINYONG CORPORATION; (b) EXTERNAL TECHNOLOGY GENERAL CORPORATION; (c) DPRKN MINING DEVELOPMENT TRADING COOPERATION; (d) "KOMID"). Indirizz: Central District, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: Negozjant primarju tal-armi u esportatur ewlieni ta' oġġetti u tagħmir relatat ma' missili ballistiċi u armi konvenzjonali. Data tal-ħatra: 24.4.2009.

(2) **Korea Ryonbong General Corporation** (magħrufa wkoll bħala (a) KOREA YONBONG GENERAL CORPORATION; (b) LYONGAKSAN GENERAL TRADING CORPORATION). Indirizz: Pot'onggang District, Pyongyang, DPRK; Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: Konglomerat tad-difiża speċjalizzat fix-xiri għall-industriji tad-difiża tar-RDPK u fl-appoġġ għall-bejgħ ta' materjal militari ta' dak il-pajjiż. Data tal-ħatra: 24.4.2009.

(3) **Tanchon Commercial Bank** (magħruf wkoll bħala (a) CHANGGWANG CREDIT BANK; (b) KOREA CHANGGWANG CREDIT BANK). Indirizz: Saemul 1-Dong Pyongchon District, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: Entità finanzjarja ewlenija tar-RDPK għall-bejgħ ta' armi konvenzjonali, missili ballistiċi, u merkanzija marbuta mal-assemblaġġ u l-manifattura ta' dawn l-armi. Data tal-ħatra: 24.4.2009.

(4) **General Bureau of Atomic Energy** (GBAE) (magħruf ukoll bħala General Department of Atomic Energy (GDAE)). Indirizz: Haeudong, Pyongchen District, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: il-GBAE hija responsabbli għall-programm nukleari tal-Korea ta' Fuq, li jinkludi l-Yongbyon Nuclear Research Centre u r-reattur ta' riċerka tiegħu għall-produzzjoni tal-plutonju ta' 5 megawatt elettriċi (25 megawatt termiċi), kif ukoll l-impjanti ta' produzzjoni ta' kombustibbli u ta' trattament tal-kombustibbli użat. Il-GBAE kellu laqgħat u diskussjonijiet marbutin mal-attivitajiet nukleari mal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Nukleari. Il-GBAE hi l-aġenzija primarja tal-Gvern tal-Korea ta' Fuq għas-superviżjoni tal-programmi nukleari, inkluż l-operat tal-Yongbyon Nuclear Research Centre. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(5) **Hong Kong Electronics** (magħruf ukoll bħala Hong Kong Electronics Kish Co.). Indirizz: Sanaee St., Kish Island, Iran. Informazzjoni oħra: (a) Proprjetà ta' Tanchon Commercial Bank u KOMID jew ikkontrollata minnhom, jew li taġixxi jew li għandha l-intenzjoni li taġixxi għalihom jew f'isimhom; (b) Hong Kong Electronics ittrasferiet miljuni ta' dollari ta' fondi relatati mal-proliferazzjoni f'isem Tanchon Commercial Bank u KOMID (it-tnejn maħturin mill-Kumitat tan-NU dwar is-Sanzjonijiet f'April 2009) mill-2007. Il-Hong Kong Electronics iffaċilitat il-movimenti ta' flejjes mill-Iran għall-Korea ta' Fuq f'isem il-KOMID. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(6) **Korea Hyoksin Trading Corporation** (magħrufa wkoll bħala Korea Hyoksin Export And Import Corporation). Indirizz: Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, DPRK. Informazzjoni oħra: (a) tinsab f'Pyongyang, RDPK; (b) subordinata tal-Korea Ryonbong General Corporation (maħtura mill-Kumitat tan-NU dwar is-Sanzjonijiet f'April 2009) u involuta fl-iżvilupp ta' armi ta' qerda tal-massa. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(7) **Korean Tangun Trading Corporation**. Informazzjoni oħra: (a) tinsab f'Pyongyang, RDPK; (b) Korea Tangun Trading Corporation hi subordinata tat-Tieni Akkademja tax-Xjenzi Naturali tar-RDPK u hija primarjament responsabbli għax-xiri ta' prodotti prinċipali u teknoloġiji għall-appoġġ tal-programmi ta' riċerka u żvilupp tal-Korea ta' Fuq għad-difiża, inkluż, iżda mhux limitata għal, programmi ta' sistemi ta' forniment u akkwist marbutin mal-armi tal-qerda tal-massa, inklużi materjali li huma kkontrollati jew ipprojbiti skont sistemi rilevanti ta' kontroll multilaterali. Data tal-ħatra: 16.7.2009.

(8) **Namchongang Trading Corporation** (magħrufa wkoll bħala (a) NCG, (b) Namchongang Trading, (c) Nam Chon Gang Corporation, (d) Nomchongang Trading Co., (e) Nam Chong Gan Trading Corporation). Informazzjoni oħra: (a) tinsab f'Pyongyang, RDPK; (b) Namchongang hija kumpannija kummerċjali tal-Korea ta' Fuq li hi subordinata tal-GBAE. Namchongang diġà kienet involuta fix-xiri ta' pompi tal-vakwu ta' oriġini Ġappuniża li ġew identifikati f'impjant nukleari tal-Korea ta' Fuq, kif ukoll fix-xiri marbut mal-attivitajiet nukleari b'assoċjazzjoni ma' individwu Ġermaniż. Din kienet involuta wkoll mill-aħħar tas-snin 90 fix-xiri ta' tubi tal-aluminju u tagħmir ieħor speċifikament adattati għal programm ta' arrikkiment tal-uranju. Ir-rappreżentant tagħha huwa ex-diplomatiku li kien ir-rappreżentant tal-Korea ta' Fuq għall-ispezzjoni tal-impjanti nukleari ta' Yongbyon mill-IAEA fl-2007. L-attivitajiet ta' proliferazzjoni ta' Namchongang huma ta' tħassib kbir meta wieħed iqis l-attivitajiet ta' proliferazzjoni tal-Korea ta' Fuq fil-passat. Data tal-ħatra: 16.7.2009."

ANNESS III

"ANNESS V

LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6(2)

A. Persuni

#	Isem (u psewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	CHANG Song-taek (magħruf ukoll bħala JANG Song-Taek)	Data tat-twelid: 2.2.1946 jew 6.2.1946 jew 23.2.1946 (provinċja ta' Hamgyong Nord) Numru tal-passaport (fl-2006): PS 736420617	Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża. Direttur tad-Dipartiment Amministrattiv tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea
2.	CHON Chi Bu		Membru tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika, ex-direttur tekniku ta' Yongbyon
3.	CHU Kyu-Chang (magħruf ukoll bħala JU Kyu-Chang)	Data tat-twelid: bejn l- 1928 u l-1933	Prim Viċi-Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tad-Difiża (programm ballistiku), Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, membru tal-Kummissjoni nazzjonali tad-Difiża.
4.	HYON Chol-hae	Data tat-twelid: 1934 (Mandchourie, Ċina)	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati Popolari (Konsulent militari ta' Kim Jong Il).
5.	JON Pyong-ho	Data tat-twelid: 1926	Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, Kap tal-Kumitat Ċentrali tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Provvisti Militari li jikkontrolla t-Tieni Kumitat Ekonomiku tal-Kumitat Ċentrali, membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża.
6.	KIM Tong-un	Data tat-twelid: 1936 Numru tal-passaport: 554410660	Direttur tal-'Uffiċċju 39' tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni.
7.	KIM Yong-chun (magħruf bħala Young-chun)	Data tat-twelid: 04.3.1935	Viċi-President tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, Ministru tal-Forzi Armati Popolari, Konsulent Speċjali ta' Kim Jong Il għall-Istrateġija Nukleari
8.	O Kuk-Ryol	Data tat-twelid: 1931 (provinċja ta' Jilin, Ċina)	Viċi-President tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, sorveljant tal-akkwisti barra l-pajjiż tat-teknoloġiji moderni għall-programm nukleari u dak ballistiku.
9.	PAEK Se-bong	Data tat-twelid: 1946	President tat-Tieni Kumitat Ekonomiku (responsabbli mill-programm ballistiku) tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża.
10.	PAK Jae-gyong (magħruf ukoll bħala Chae-Kyong)	Data tat-twelid: 1933 Numru tal-passaport: 554410661	Viċi-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati Popolari u Viċi-Direttur tal-uffiċċju tal-loġistika tal-Forzi Armati Popolari (Konsulent militari ta' Kim Jong Il).

#	Isem (u psewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
11.	PYON Yong Rip (magħruf ukoll bħala Yong-Nip)	Data tat-twelid: 20.9.1929 Numru tal-passaport: 645310121 (maħruġ fit-13.09.2005)	President tal-Akkademja tax-Xjenzi li kienet involuta f'riċerka bijoloġika relatata mal-AQM
12.	RYOM Yong		Direttur tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti) responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali
13.	SO Sang-kuk	Data tat-twelid: bejn l-1932 u l-1938	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.

B. Entitajiet u korpi

#	Isem (u psewdonimi possibbli)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Ċentru ta' Riċerka Nukleari ta' Yongbyon		Ċentru ta' riċerka li ppartecipa fil-produzzjoni ta' plutonju ta' kwalità militari. Ċentru li jiddependi mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti, 16.7.2009).
2.	Korea Pugang mining and machinery corporation ltd		Filjali tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti, 24.4.2009), li tamministra fabbriki għall-produzzjoni ta' trab tal-alluminju li jista' jintuża fil-qasam tal-missili.
3.	Korean Ryengwang trading corporation		Filjali tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti, 24.4.2009).
4.	Sobaeku United Corp (magħrufa wkoll bħala Sobaeksu United Corp)		Kumpannija Statali, involuta fir-riċerka jew l-akkwist ta' prodotti jew ta' tagħmir sensittiv. Hija għandha diversi depożiti ta' grafita naturali li jipprovdu bil-materja prima lil żewġ fabbriki ta' proċessar li jipproduċu partikolarment blokki tal-grafita li jistgħu jintużaw fil-qasam ballistiku."

ANNESS IV

"ANNESS VI

LISTA TAL-ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U FINANZJARJI, TAL-FERGĦAT U TAS-SUSSIDJARJI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 11A"

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1284/2009

tat-22 ta' Diċembru 2009

li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika ta' Ginea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(1) u (2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2009/788/PESK tas-27 ta' Ottubru 2009 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea [1], kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/1003/PESK tat-22 ta' Diċembru 2009,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK tipprevedi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward ta' membri tal-Kunsill Nazzjonali għad-Demokrazija u l-Iżvilupp (NCDD) u individwi assoċjati magħhom, responsabbli għar-repressjoni vjolenti tat-28 ta' Settembru 2009 jew l-istaġnar politiku fil-pajjiż.

(2) Dawk il-miżuri jinkludu l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi elenkati fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni kif ukoll projbizzjoni fuq il-forniment tal-assistenza teknika u dik finanzjarja u servizzi oħrajn relatati ma' tagħmir militari lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Repubblika tal-Ginea jew għall-użu hemmhekk. Il-miżuri jinkludu wkoll projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir lir-Repubblika tal-Ginea li jista' jintuża għar-repressjoni interna.

(3) Dawk il-miżuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat, għalhekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa leġislazzjoni fil-livell tal-Unjoni sabiex timplimentahom f'dak li jirrigwarda l-Unjoni.

(4) Kull ipproċessar ta' data personali ta' persuni fiżiċi skont dan ir-Regolament għandu josserva r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data [2] u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [3].

(5) Sabiex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "tagħmir li jkun jista" jintuża għal repressjoni interna' tfisser l-oġġetti elenkati fl-Anness I;

(b) "assistenza teknika" tfisser kull appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, assemblaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u tista' tieħu forom bħalma huma t-tagħlim, il-konsulenza, it-taħriġ, it-trasmissjoni ta' għarfien dwar ix-xogħol jew il-ħiliet professjonali jew is-servizzi ta' konsulenza; inklużi forom verbali ta' assistenza;

(c) "servizzi ta' senserija" tfisser l-attivitajiet ta' persuni, entitajiet u sħubiji li jaġixxu bħala intermedjarji billi jixtru, ibiegħu jew jagħmlu arranġamenti għat-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġija, jew jinnegozjaw jew jagħmlu arranġamenti għal transazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment ta' oġġetti u ta' teknoloġija;

(d) "fondi" tfisser attiv u passiv finanzjarji ta' kull tip, li jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet ta' flus, abbozzi, money-orders u strumenti oħrajn ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħrajn, bilanċi f'kontijiet, debiti u obbligazzjonijiet ta' debitu;

(iii) titoli ta' sigurtà nnegozjati kemm pubblikament kif ukoll privatament u strumenti ta' dejn, inklużi stocks u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw titoli ta' sigurtà, bonds, notes, garanziji, obbligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;

(iv) imgħax, dividend jew dħul ieħor fuq assi, jew valur li joħroġ minnhom jew li hu ġenerat minnhom;

[1] ĠU L 281, 28.10.2009, p. 7.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p.1.
[3] ĠU L 281, 23.11.1995, p.31.

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, titoli eżegwibbli jew impenji finanzjarji oħrajn;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz tat-tagħbija, dokumenti ta' bejgħ;

(vii) dokumenti li jixhdu xi interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(e) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-projbizzjoni ta' ċaqliq, trasferiment, bidla, użu, aċċess għal, jew traffikar ta' fondi li jistgħu b'xi mod iwasslu għal bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lokalizzazzjoni, fis-sjieda, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-ġestjoni tal-portafoll;

(f) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, kemm tanġibbli u kif ukoll intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi;

(g) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni tal-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, oġġetti jew servizzi fi kwalunkwe mod, li jinkludu, iżda mhumiex limitati għall-bejgħ, il-kiri jew l-ipoteki tagħhom;

(h) "territorju tal-Unjoni" tfisser it-territorji li għalihom japplika t-Trattat, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat.

Artikolu 2

Għandu jiġi pprojbit:

(a) li jinbiegħ, jiġi fornut, trasferit jew esportat, direttament jew indirettament, tagħmir li jkun jista' jintuża għal repressjoni interna, kemm jekk joriġina fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Repubblika tal-Ginea, jew għall-użu hemmhekk;

(b) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punt (a), lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Repubblika tal-Ginea, jew għall-użu hemmhekk;

(c) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mat-tagħmir imsemmi fil-punt (a), lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Repubblika tal-Ginea, jew għall-użu hemmhekk;

(d) li jkun hemm parteċipazzjoni, intenzjonata jew mhux intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c).

Artikolu 3

Għandu jiġi pprojbit:

(a) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti u teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea [1], jew li jirrigwardaw il-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Repubblika tal-Ginea jew għall-użu hemmhekk;

(b) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' oġġetti u teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea inklużi, b'mod partikolari, għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq l-esportazzjoni, għal kull bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Repubblika tal-Ginea, jew għall-użu hemmhekk;

(c) li jkun hemm parteċipazzjoni, intenzjonata jew mhux intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b).

Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikoli 2 u 3, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw:

(a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, sakemm ikun maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għal programmi ta' bini ta' istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), għall-Unjoni Ewropea, jew għal operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tan-NU għall-immaniġġar ta' kriżijiet;

(b) il-provvista ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tagħmir jew ma' programmi u operazzjonijiet imsemmija fil-punt (a);

(c) il-provvista ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tagħmir militari li ma joqtolx maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, għal programmi ta' bini ta' istituzzjonijiet tan-NU, u għall-Unjoni, jew għal operazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tan-NU għall-immaniġġar ta' kriżijiet;

(d) il-provvista ta' finanzjament, assistenza finanzjarja, assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' vetturi li mhumiex tal-ġlied li jkunu ġew immanifatturati jew mgħammra b'materjal li jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha fir-Repubblika tal-Ginea.

[1] ĠU C 65, 19.3.2009, p. 1.

2. L-ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata għal attivitajiet li diġà seħħew.

Artikolu 5

L-Artikoli 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-ilbies protettiv, inklużi l-ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn ir-Repubblika tal-Ginea minn persunal tan-NU, persunal tal-Unjoni Ewropea jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

Artikolu 6

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness II, jew li huma proprjetà tagħhom, miżmuma jew kontrollati minnhom, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku ma għandu jitpoġġa għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness II jew għall-benefiċċju tagħhom.

3. L-Anness II għandu jikkonsisti f'persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li, f'konformità mal-Artikolu 3a tal-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK, ġew identifikati mill-Kunsill bħala membri individwali tal-Kunsill Nazzjonali għad-Demokrazija u l-Iżvilupp (NCDD) jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom:

4. Għandha tiġi pprojbita l-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun, direttament jew indirettament, li jaħarbu mill-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 7

Il-projbizzjonijiet disposti fil-punt (b) tal-Artikolu 3 u fl-Artikolu 6(2) m'għandhomx iwasslu għal xi xorta ta' responsabbiltà min-naħa tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi li poġġew għad-dispożizzjoni fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu se jiksru l-projbizzjoni inkwistjoni.

Artikolu 8

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness III jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jitpoġġew għad-dispożizzjoni, skont il-kondizzjonijiet li jidhrilhom li jkunu adatti, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi huma:

(a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni li huma elenkati fl-Anness II, u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inklużi ħlasijiet għal ikel, kera jew ipoteka immobiljari, mediċini u kura medika, taxxi, poloz tal-assigurazzjoni, u l-ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' tariffi jew ħlasijiet għal servizzi għaż-żamma ta' rutina ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm l-Istat Membru jkun innotifika bir-raġunijiet li jikkunsidra li għalihom għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni mill-anqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 9

1. B'deroga mill-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness III jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni huma s-suġġett ta' rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 6 ikunu ġew inklużi fl-Anness II, jew ta' sentenza ġudizzjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi inkwistjoni jridu jintużaw esklużivament sabiex jissodisfaw il-pretensjonijiet iggarantiti b'dan ir-rahan jew rikonoxxuti bħala validi f'din is-sentenza, fil-limiti stabbiliti bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) ir-rahan jew sentenza mhumiex għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness II; u

(d) ir-rikonoxximent li r-rahan jew is-sentenza ma jmorrux kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafu 1.

Artikolu 10

1. L-Artikolu 6(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw il-kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, sakemm kwalunkwe żieda għal dawn il-kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti b'din it-transazzjoni.

2. L-Artikolu 6(2) m'ghandux japplika ghaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imghax jew qligh ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmi fl-Artikolu 3 jkunu ġew inklużi fl-Anness II,

sakemm dan l-imghax, dħul, ħlas jew strumenti finanzjarji oħra jkunu ffriżati skont l-Artikolu 6(1).

Artikolu 11

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew li jiġi rrifjutat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jitpoġġew ghad-dispożizzjoni, imwettaq bona fide abbażi tal-fatt li din l-azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, m'ghandu jirriżulta fl-ebda tip ta' obbligu fuq il-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jkunx ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ġew iffriżati bħala riżultat ta' negligenza.

Artikolu 12

1. Mingħajr preġudizzju ghar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi ghandhom:

(a) ifornu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati f'konformità mal-Artikolu 6, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kif indikati fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness III ghall-pajjiż fejn huma residenti jew ikunu jinstabu, u ghandhom jittrasmettu din l-informazzjoni, direttament jew permezz tal-awtorità kompetenti kif indikat fis-siti tal-Internet elenkati fl-Anness III, lill-Kummissjoni; u

(b) jikkoperaw ma' dik l-awtorità kompetenti f'kull verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li l-Kummissjoni tirċievi direttament ghandha titpoġġa ghad-disposizzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew li tiġi riċevuta skont dan l-Artikolu ghandha tintuża biss ghall-finijiet li ghalihom tkun ġiet ipprovduta jew riċevuta.

Artikolu 13

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ghandhom immedjatament jinfurmaw lil xulxin bil-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u ghandhom jipprovdu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti konnessa ma' dan ir-Regolament li hija ghad-dispożizzjoni tagħhom, b'mod partikolari informazzjoni dwar problemi ta' ksur u ta' infurzar u sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 14

L-Anness II ghandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni dwar il-persuni fiżiċi elenkati ghall-fini tal-identifikazzjoni suffiċjenti tal-persuni kkonċernati.

Din l-informazzjoni tista' tinkludi:

a) il-kunjom u l-ismijiet mogħtija, inklużi psewdonimi u titoli, jekk ikun hemm;

b) id-data u l-post tat-twelid;

c) in-nazzjonalità;

d) in-numri tal-passaport u tal-karti ta' identità;

e) in-numri tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali;

f) is-sess;

g) l-indirizz jew informazzjoni oħra dwar fejn jinstabu;

h) il-funzjoni jew il-professjoni;

i) id-data tal-ħatra.

L-Anness II jista' jinkludi wkoll informazzjoni ghall-fini tal-identifikazzjoni kif imniżżel hawn fuq dwar il-membri tal-familja tal-persuni elenkati, sakemm din l-informazzjoni hija meħtieġa f'każ speċifiku ghall-ghan uniku li tiġi vverifikata l-identità tal-persuna fiżika elenkata, inkwistjoni.

L-Anness II ghandu jinkludi wkoll ir-raġunijiet ghall-elenkar, bħall-impjieg.

Artikolu 15

1. Il-Kummissjoni ghandha tkun awtorizzata li:

(a) temenda l-Anness II abbażi ta' deċizjonijiet meħuda dwar l-Anness mal-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK; u

(b) temenda l-Anness III abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet individwali u speċifiċi għad-deċiżjonijiet meħuda skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, filwaqt li tipprovdi lill-individwu, lill-entità jew lill-korp ikkonċernati b' opportunità li jesprimu l-fehma tagħhom dwar din il-kwistjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni li japplikaw fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli minghajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u għandhom jidentifikawhom fis-siti tal-Internet jew permezz tagħhom elenkati fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom minghajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

3. F'dan ir-Regolament, fejn ikun hemm ir-rekwiżit li l-Kummissjoni tiġi nnotifikata, infurmata jew li ssir xi komunikazzjoni oħra magħha, l-indirizz u d-dettalji l-oħra tal-kuntatt li għandhom jintużaw għal din il-komunikazzjoni għandhom ikunu dawk indikati fl-Anness III.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew bastiment li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(c) għal kwalunkwe persuna fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu li hija ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp li huma inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe negozju mwettaq, totalment jew parzjalment, ġewwa l-Unjoni.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009

Għall-Kunsill

Il-President

A. CARLGREN

ANNESS I

LISTA TA' TAGĦMIR LI JISTA' JINTUŻA GĦAR-REPRESSJONI INTERNA MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 1(A) U 2(A)

1. Armi tan-nar, munizzjon u aċċessorji relatati magħhom, kif ġej:

   1.1. Armi tan-nar mhux ikkontrollati mill-ML 1 u l-ML 2 tal-Lista Militari Komuni tal-UE;

   1.2. Munizzjon speċjalment maħsub għall-armi tan-nar elenkati fil-punt 1.1 u komponenti iddisinjati apposta għalihom;

   1.3. Weapon-sights mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

2. Bombi u granati mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

3. Vetturi kif ġej:

   3.1. Vetturi mgħammra b'kanun tal-ilma, iddisinjati jew immodifikati apposta għall-fini tal-kontroll tal-irvelli;

   3.2. Vetturi ddisinjati jew immodifikati apposta biex ikunu elettrifikati biex jimbuttaw lil persuni li jattakkawhom;

   3.3. Vetturi ddisinjati jew immodifikati apposta biex ineħħu barrikati, inkluż tagħmir ta' kostruzzjoni bi protezzjoni ballistika;

   3.4. Vetturi ddisinjati apposta għat-trasport jew it-trasferiment ta' priġunieri u/jew id-detenuti;

   3.5. Vetturi ddisinjati apposta biex jiġu skjerati barrieri mobbli;

   3.6. Komponenti għall-vetturi speċifikati fil-punti 3.1 sa 3.5 ddisinjati apposta għall-fini tal-kontroll tal-irvelli.

   Nota 1 Dan il-punt ma jikkontrollax il-vetturi mfasslin apposta għall-finijiet ta' tifi tan-nar.

   Nota 2 Għall-finijiet tal-punt 3.5 it-terminu "vetturi" jinkludi l-karrijiet.

4. Sustanzi sploživi u tagħmir relatat kif ġej:

   4.1. Tagħmir u apparat speċjalment maħsub biex iqabbad splużjonijiet b'mezzi elettriċi jew mhux elettriċi, inklużi settijiet tal-isparar, detonaturi, igniters, boosters u fil detonatur, u komponenti ddisinjati apposta għalihom; minbarra dawk iddisinjati apposta għal użu kummerċjali speċifiku li jikkonsistu fl-attwazzjoni jew l-operat b'mezzi sploživi ta' tagħmir jew apparat ieħor li l-funzjoni tagħhom mhijiex il-holqien ta' splużjonijiet (pere-żempju, in-neffieħa tal-air-bags tal-karozzi, apparat li jipprevjeni ż-żieda f'daqqa tal-elettriku ta' attivaturi ta' bexxiexa għat-tifi tan-nar);

   4.2. Kargi sploživi linear cutting mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE;

   4.3. Sploživi oħrajn mhux ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE u sustanzi relatati kif ġej:

      (a) amatol;

      (b) nitrocelluloża (li fiha aktar minn 12,5 % nitroġenu);

      (c) nitroglikol;

      (d) tetranitrat tal-penteritritol (PETN);

      (e) klorur tal-pikril;

      (f) 2,4,6-trinitrutolwin (TNT).

5. Tagħmir protettiv mhux ikkontrollat mill-ML 13 tal-Lista Militari Komuni tal-UE kif ġej:

   5.1. Korazzi tal-persuna li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew kontra ferimenti;

5.2. Elmi li jipprovdu protezzjoni ballistika u/jew mill-frammenti, elmi għal kontra l-irvell, tarki għal kontra l-irvell u tarki ballistiċi.

Nota. Dan il-punt ma jikkontrollax:

— tagħmir speċjalment maħsub għal attivitajiet sportivi;

— tagħmir speċjalment maħsub sabiex jissodisfa rekwiżiti ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

6. Simulaturi, minbarra dawk ikkontrollati mill-ML 14 tal-Lista Militari Komuni tal-UE, għal taħriġ fl-użu ta' armi tannar, u software mfassal apposta għalihom.

7. Tagħmir ta' viżjoni ta' bil-lejl, tal-ħolqien ta' immaġni termali u tubi tal-intensifikazzjoni tal-immaġni, minbarra dawk ikkontrollati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

8. Fildiferru mxewwek (barbed wire) li jaqta'.

9. Skieken militari, skieken tal-ġlied u bajunetti b'xafra itwal minn 10 cm.

10. Tagħmir ta' produzzjoni ddisinjat apposta għall-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

11. Teknoloġija speċifika għall-iżvilupp, il-produzzjoni jew l-użu tal-oġġetti speċifikati f'din il-lista.

ANNESS II

PERSUNI, ENTITAJIET U ORGANIŻMI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 6

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
1.	Kaptan Moussa Dadis CAMARA	d.t.t.: 01/01/64 jew 29/12/68 Pass.: R0001318	President tas-CNDD
2.	Ġeneral tad-Diviżjoni Mamadouba (psewdonomu Mamadou) Toto CAMARA	d.t.t.: 01/01/46 Pass: R00009392	Ministru tas-Sigurtà u l-Protezzjoni Ċivili
3.	Ġeneral Sékouba KONATÉ	d.t.t.: 01/01/64 Pass: R0003405//R0002505	Ministru tad-Difiża Nazzjonali
4.	Kurunell Mathurin BANGOURA	d.t.t.: 15/11/62 Pass.: R0003491	Ministru tat-Telekomunikazzjoni u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Informazzjoni
5.	Logutenent Kurunell Aboubacar Sidiki (psewdonomu Idi Amin) CAMARA	d.t.t.: 22/10/79 Pass: R0017873	Ministru u Segretarju Permanenti tas-CNDD (imkeċċi mill-Armata fis-26/01/09)
6.	Kmandant Oumar BALDÉ	d.t.t.: 26/12/64 Pass.: R0003076	Membru tas-CNDD
7.	Kmandant Mamadi (psewdonomu Mamady) MARA	d.t.t.: 01/01/54 Pass: R0001343	Membru tas-CNDD
8.	Kmandant Almamy CAMARA	d.t.t.: 17/10/75 Pass.: R0023013	Membru tas-CNDD
9.	Logutenent Kurunell Mamadou Bhoye DIALLO	d.t.t.: 01/01/56 Pass.: R0001855	Membru tas-CNDD
10.	Kaptan Koulako BÉAVOGUI		Membru tas-CNDD
11.	Logutenent Kurunell tal-Pulizija Kandia (psewdonomu Kandja) MARA	Pass.: R0178636	Membru tas-CNDD Direttur tas-Sigurtà Nazzjonali ta' Labé
12.	Kurunell Sékou MARA	d.t.t.: 1957	Membru tas-CNDD Viċi Direttur tal-Pulizija Nazzjonali
13.	Morciré CAMARA	d.t.t.: 01/01/49 Pass.: R0003216	Membru tas-CNDD
14.	Alpha Yaya DIALLO		Membru tas-CNDD Direttur Nazzjonali tad-Dwana
15.	Kurunell Mamadou Korka DIALLO	d.t.t.: 19/02/62	Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u l-SMEs
16.	Kmandant Kelitigui FARO	d.t.t.: 03/08/72 Pass.: R0003410	Ministru Segretarju Ġenerali għall-Presidenza tar-Repubblika
17.	Kurunell Fodeba TOURÉ	d.t.t.: 07/06/61 Pass.: R0003417 /R0002132	Gvernatur ta' Kindja (dak li kien il-Ministru taż-Żgħażagħ, imkeċċi minn Ministru fis-07/05/09)
18.	Kmandant Cheick Sékou (psewdonomu Ahmed) Tidiane CAMARA	d.t.t.: 12/05/66	Membru tas-CNDD
19.	Kurunell Sékou (psewdonomu Sékouba) SAKO		Membru tas-CNDD
20.	Logutenent Jean- Claude (magħruf bħala COPLAN PIVI)	d.t.t.: 01/01/60	Membru tas-CNDD Ministru responsabbli għas-Sigurtà Presidenzjali

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ghall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
21.	Kaptan Saa Alphonse TOURÉ	d.t.t: 03/06/70	Membru tas-CNDD
22.	Kurunell Moussa KEITA	d.t.t.: 01/01/66	Membru tas-CNDD Ministru Segretarju Permanenti tas-CNDD responsabbli ghar-Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet Repubblikani
23.	Logutenent Kurunell Aïdor (psewdonomu Aëdor) BAH		Membru tas-CNDD
24.	Kmandant Bamou LAMA		Membru tas-CNDD
25.	Is-Sur Mohamed Lamine KABA		Membru tas-CNDD
26.	Kaptan Daman (psewdonomu Dama) CONDÉ		Membru tas-CNDD
27.	Kmandant Aboubacar Amadou DOUMBOUYA		Membru tas-CNDD
28.	Kmandant Moussa Tiégboro CAMARA	d.t.t.: 01/01/68 Pass.: 7190	Membru tas-CNDD Ministru fil-Presidenza responsabbli ghas-servizzi speċjali tal-ġlieda kontra d-drogi u l-brigantaġġ serju
29.	Kaptan Issa CAMARA	d.t.t.: 1954	Membru tas-CNDD Gvernatur ta' Mamou
30.	Kurunell Dr. Abdoulaye Chérif DIABY	d.t.t.: 26/02/57 Pass.: 13683	Membru tas-CNDD Ministru tas-Saħħa u tal-Iġjene Pubblika
31.	Mamady CONDÉ	d.t.t.: 28/11/52 Pass.: R0003212	Membru tas-CNDD
32.	Sub-Logutenent Cheikh Ahmed TOURÉ		Membru tas-CNDD
33.	Logutenent Kurunell Aboubacar Biro CONDÉ	d.t.t.: 15/10/62 Pass.: 2443/R0004700	Membru tas-CNDD
34.	Bouna KEITA		Membru tas-CNDD
35.	Idrissa CHERIF	d.t.t.: 13/11/67 Pass.: R0105758	Ministru responsabbli ghall-Komunikazzjonijiet fil-Presidenza u fil-Ministeru tad-Difiża
36.	Mamoudou (psewdonomu) Mamadou) CONDÉ	d.t.t.: 09/12/60 Pass.: R0020803	Segretarju tal-Istat, Responsabbli ghall-Missjonijiet, il-kwistjonijiet strateġiċi u l-iżvilupp sostenibbli
37.	Logutenent Aboubacar Chérif (psewdonomu Toumba) DIAKITÉ		Aide de Camp tal-President
38.	Ibrahima Khalil DIAWARA	d.t.t.: 01/01/76 Pass.: R0000968	Kunsillier Speċjali ta' Aboubacar Chérif "Toumba" Diakité
39.	Sub-Logutenent Marcel KOIVOGUI		Assistent ta' Aboubacar Chérif "Toumba" Diakité
40.	Is-Sur Papa Koly KOUROUMA	d.t.t.: 03/11/62 Pass.: R11914/R001534	Ministru tal-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli
41.	Kmandant Nouhou THIAM	d.t.t.: 1960 Pass.: 5180	Spettur Ġenerali tal-Forzi Armati Kelliem tas-CNDD
42.	Kaptan tal-Pulizija Théodore (psewdonomu Siba) KOUROUMA	d.t.t.: 13/05/71 Pass.: Service R0001204	Attaché tal-kabinett ghall-Presidenza

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ġhall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
43.	Is-Sur Kabinet (psewdonomu Kabiné) KOMARA	d.t.t.: 08/03/50 Pass: R0001747	Membru tas-CNDD
44.	Kaptan Mamadou SANDÉ	d.t.t.: 12/12/69 Pass: R0003465	Ministru fil-Presidenza responsabbli ġhall-Ekonomijia u l-Finanzi
45.	Is-Sur Alhassane (psewdonomu Al-Hassane) Siba ONIPOGUI	d.t.t.: 31/12/61 Pass: 5938/R00003488	Ministru fil-Presidenza responsabbli ġhall-Kontroll tal-Istat
46.	Is-Sur Joseph KANDUNO		Ministru responsabbli ġhall-Verifiki, it-trasparenza u l-Governanza tajba
47.	Is-Sur Fodéba (psewdonomu Isto) KÉIRA	d.t.t.: 04/06/61 Pass: R0001767	Ministru taż-Żġhażagħ, l-Isport u l-Promozzjoni tal-Impjieg fost iż-Żġhażagħ
48.	Kurunell Siba LOHALAMOU	d.t.t.: 01/08/62 Pass: R0001376	Ministru tal-Ġustizzja, Ġhassies tas-Siġilli
49.	Dr. Frédéric KOLIÉ	d.t.t.: 01/01/60 Pass : R0001714	Ministru tal-Amministrazzjoni tat-Territorju u l-Affarijiet Politiċi
50.	Is-Sur Alexandre Cécé LOUA	d.t.t.: 01/01/56 Pass: R0001757 / diplomatiku: R 0000027	Ministru tal-Affarijiet Barranin u taċ-Ċittadini tal-Ginea li jġhixu barra mill-pajjiż
51.	Is-Sur Mamoudou (psewdonomu Mahmoud) THIAM	d.t.t.: 04/10/68 Pass: R0001758	Ministru tal-Minjieri u l-Enerġija
52.	Is-Sur Boubacar BARRY	d.t.t.: 28/05/64 Pass: R0003408	Ministru tal-Istat fil-Presidenza responsabbli ġhall-Kostruzzjoni, il-Ġestjoni tat-Territorju u l-Wirt Arkitetturali Pubbliku
53.	Demba FADIGA	d.t.t.: 01/01/52 Pass: Dokument ta' residenza FR365845/365857	Membru tas-CNDD, Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju. Responsabbli ġhar-relazzjonijiet bejn is-CNDD u l-Gvern
54.	Is-Sur Mohamed DIOP	d.t.t.: 01/01/63 Pass: R0001798	Membru tas-CNDD Gvernatur ta' Conarky
55.	Is-Surġent Mohamed (psewdonomu Tigre) CAMARA		Membru tal-forzi tas-sigurtà fil-kamp tal-Gwardja Presidenzjali 'Koundara'
56.	Is-Sur Habib HANN	d.t.t.: 15/12/50 Pass: 341442	Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza fis-Setturi Strateġiċi tal-Istat
57.	Is-Sur Ousmane KABA		Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
58.	Is-Sur Alfred MATHOS		Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
59.	Kaptan Mandiou DIOUBATÉ	d.t.t.: 01/01/60 Pass: R0003622	Direttur tal-uffiċċju tal-istampa fil-Presidenza Kelliem tas-CNDD
60.	Cheik Sydia DIABATÉ	d.t.t.: 23/04/68 Pass: R0004490	Membru tal-Forzi Armati Direttur tas-Servizzi ta' Intelligence u ta' Investigazzjoni fil-Ministru tad-Difiża
61.	Is-Sur Ibrahima Ahmed BARRY	d.t.t.: 11/11/61 Pass: R0048243	Direttur Ġenerali tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Ginea

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ghall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
62.	Is-Sur Alhassane BARRY	d.t.t.: 15/11/62 Pass: R0003484	Gvernatur tal-Bank Ċentrali
63.	Is-Sur Roda Namatala FAWAZ	d.t.t.: 06/07/47 Pass: R0001977	Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
64.	Dioulde DIALLO		Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
65.	Kerfalla CAMARA		KPC PDG tal-Gui. Co. Pres Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
66.	Dr. Moustapha ZABATT	d.t.t.: 06/02/65	Tabib u Konsulent Personali tal-President
67.	Aly MANET		Moviment 'Dadis Doit Rester'
68.	Louis M'bemba SOUMAH		Ministru tax-Xogħol, ir-Riforma Amministrattiva u s-Servizz Pubbliku
69.	Cheik Fantamady CONDÉ		Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura
70.	Boureima CONDÉ		Ministru tal-Agrikoltura u t-Trobbija tal-Bhejjem
71.	Mariame SYLLA		Ministru tad-Deċentralizzazzjoni u l-Iżvilupp Lokali

ANNESS III

Siti tal-Internet li jipprovdu informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 4, 8, 9, 10(1), 12 u 17 u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

IL-BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

IL-BULGARIJA

http://www.mfa.government.bg

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

ID-DANIMARKA

http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/un_eu_restrictive_measures_ireland/competent_authorities

IL-GREĊJA

http://www.ypex.gov.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/International+Sanctions/

SPANJA

www.mae.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones+Internacionales

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

L-ITALJA

http://www.esteri.it/UE/deroghe.html

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt

IL-LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

L-UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/felelos_illetekes_hatosagok.htm

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

www.minbuza.nl/nl/Onderwerpen/Internationale_rechtsorde/Internationale_Sancties/Bevoegde_instanties_algemeen

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

http://www.msz.gov.pl

IL-PORTUGALL

http://www.mne.gov.pt/mne/pt/AutMedidasRestritivas.htm

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-ISVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT

http://www.fco.gov.uk/competentauthorities

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission
Directorate-General for External Relations
Directorate A. Crisis Platform and Policy Coordination in CFSP
Unit A.2. Crisis Management and Peace Building
CHAR 12/108
B-1049 Brussels
Belgium
Tel.: (+32-2) 296 61 33 / 295 55 85
Fax: (+32-2) 299 08 73

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1285/2009

tat-22 ta' Diċembru 2009

li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 501/2009

L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Ġunju 2009 il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 501/2009 li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 ([2]), li tistabbilixxi lista aġġornata ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika dak ir-Regolament.

(2) Il-Kunsill ipprovda lil kull persuna, kull grupp u kull entità li għalihom dan kien possibbli fil-prattika b'dikjarazzjonijiet ta' raġunijiet fejn fisser għaliex huma kienu elenkati fir-Regolament (KE) Nru 501/2009. Fil-każ ta' grupp wieħed, kienet ippreżentata dikjarazzjoni emendata ta' raġunijiet f'Ottubru 2009.

(3) B'avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]), il-Kunsill informa lill-persuni, lill-gruppi u lill-entitajiet elenkati fir-Regolament (KE) Nru 501/2009 li hu ddeċida li jżommhom fuq il-lista. Il-Kunsill informa wkoll lill-persuni, lill-gruppi u lill-entitajiet ikkonċernati li kienet possibbli li tintalab dikjarazzjoni ta' raġunijiet tal-Kunsill għall-inklużjoni tagħhom fil-lista fejn din ma kinitx diġà ġiet ikkomunikata lilhom. Fil-każ ta' tmien gruppi, kienet ippreżentata dikjarazzjoni emendata ta' raġunijiet f'Ottubru 2009 ([4]).

(4) Il-Kunsill wettaq reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(3) ta' dak ir-Regolament. Meta għamel dan, huwa ħa kont ta' osservazzjonijiet ippreżentati lill-Kunsill minn dawk konċernati.

(5) Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza tat-30 ta' Settembru 2009 fil-Każ T341/07, persuna waħda ma ġietx inkluża fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(6) Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li l-annotazzjoni rigward wieħed mill-gruppi fil-lista għandha tiġi emendata.

(7) Il-Kunsill ikkonkluda li bl-eċċezzjoni tal-persuna msemmija fil-premessa (5), il-persuni, il-gruppi u l-entitajiet l-oħra elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament kienu involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([5]), li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu suġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 2580/2001.

(8) Il-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplika r-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 għandha tiġi sostitwita bil-lista li tinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 501/2009 huwa b'dan irrevokat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. CARLGREN

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 70.
([2]) ĠU L 151, 16.6.2009, p. 14.
([3]) ĠU C 136, 16.6.2009, p. 35.
([4]) ĠU C 261, 31.10.2009, p. 26.
([5]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.

ANNESS

LISTA TA' PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza; magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal; magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed; magħruf ukoll bħala Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-01.02.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al- Hijra")

2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala l-Abderrahmane Svizzeru) imwieled fis- 17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

3. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (magħruf ukoll bħala ABU OMRAN; magħruf ukoll bħala AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

4. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdita); ċittadin ta' Arabja Sawdita

5. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut, l-Arabja Sawdita; ċittadin tal-Arabja Sawdita

6. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel) imwieled fit-18.08.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

7. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

8. ASLI, Rabah imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

9. ATWA, Ali (magħruf ukoll bħala BOUSLIM, Ammar Mansour; magħruf ukoll bħala SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

10. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR; magħruf ukoll bħala SOBIAR; magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-08.03.1978 f'Amsterdam (l-Olanda) (Membru tal-"Hofstadgroep")

11. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto; magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad) imwieled fl-01.02.1972 fl-Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

12. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil) imwieled fl-01.06.1970 fl- Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

13. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala FOUAD; magħruf ukoll bħala FZAD; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben MOHAMMED; magħruf ukoll bħala Ben Mohand BEN LARBI; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand IBN LARBI; magħruf ukoll bħala Abu TAHAR; magħruf ukoll bħala EGGIE), imwieled fil-15.08.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139 (Membru tal-"Hofstadgroep")

14. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (magħruf ukoll bħala AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; magħruf ukoll bħala EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il- 11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

15. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.09.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")

16. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil- Libanu, ċittadin tal-Libanu

17. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555

18. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

19. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

20. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid) imwieled fil-11.09.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

21. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou) imwieled fit-23.06.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

22. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano) imwieled fl-14.06.1974 f'Alġeri (l- Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

23. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.04.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")

24. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba) imwieled fil- 21.04.1964 fi Blida (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

25. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-06.03.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l- Olanda) NE8146378 (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. GRUPPI U ENTITAJIIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal ("ANO"), (magħrufa ukoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju ta' Fatah", il-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", "Settembru l- Iswed", u l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti")
2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa"
3. "Al-Aqsa e.V."
4. "Al-Takfir" u "Al-Hijra"
5. "Aum Shinrikyo" (magħruf ukoll bħala "AUM", magħruf ukoll bħala "Aum Verita Suprema," magħruf ukoll bħala "Aleph")
6. "Babbar Khalsa"
7. Il-"Partit Komunista tal-Filippini", inkluż "l-Armata l-Ġdida tal-Poplu" - "NPA", il-Filippini
8. "Gama'a al-Islamiyya" ("Grupp Islamiku"), (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya" - "IG") "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" "IBDA-C"(Il-Front Kbir Islamiku tal- Ġellieda tal-Lvant)
9. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" – "IBDA-C" ("Great Islamic Eastern Warriors Front")
10. "Hamas" (inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem")
11. "Hizbul Mujahideen" ("HM")
12. "Hofstadgroep"
13. Il-"Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-Soljev u l-Iżvilupp"
14. Il-"Federazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażagħ Sikh" ("ISYF")
15. "Kahane Chai" ("Kach")
16. Il-"Forza Khalisan Zindabad" ("KZF")
17. Il-"Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan" ("PKK"), (magħruf ukoll bħala "KADEK"; magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL")
18. "Tigri għal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam" ("LTTE")
19. L-"Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali" ("Ejército de Liberación Nacional")
20. Il-"Front għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PLF")
21. Il-"Jihad Islamika Palestinjana" ("PIJ")
22. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PFLP")
23. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina – Kmand Ġenerali", (magħruf ukoll bħala "PFLP – Kmand Ġenerali")
24. "Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" "Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja" ("FARC")
25. "Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi" "L-Armata/Il-Front/Il-Partit Rivoluzzjonarju/a għal-Liberazzjoni tal-Poplu" ("DHKP/C"), (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" ("Xellug Rivoluzzjonarju"), "Dev Sol")
26. It-"Triq li Tiddi" (SL) ("Sendero Luminoso")
27. "Stichting Al Aqsa" (magħruf ukoll bħala "Stichting Al Aqsa Nederland", magħruf ukoll bħala "Al Aqsa Nederland")
28. "TAK" - "Teyrbazen Azadiya Kurdistan", magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons", il-"Kurdistan Freedom Hawks"
29. Il-"Forzi/Grupp Magħqud(a) għad-Difiża Leġittima tal-Kolombja" ("AUC") ("Autodefensas Unidas de Colombia")

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1286/2009

tat-22 ta' Diċembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2002/402/PESK tas-27 ta' Mejju 2002 dwar miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri tal-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Talibani u individwi oħrajn, gruppi, impriżi u entitajiet oħra assoċjati magħhom [1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK tipprevedi, inter alia, li l-Komunità Ewropea għandha tieħu ċerti miżuri restrittivi, inkluż l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999), 1333 (2000) u 1390 (2002) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi kien implimentat permezz tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban [2].

(3) Artikolu li jipprevedi ċerti eċċezzjonijiet iddaħħal f'dak ir-Regolament permezz tar-Regolament (KE) Nru 561/2003 tas-27 ta' Marzu 2003 [3]. Il-perijodu ta' nuqqas ta' oġġezzjoni msemmi f'dak l-Artikolu għandu jinġieb f'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1735 tat-22 ta' Diċembru 2006.

(4) B'segwitu għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-3 ta' Settembru 2008 fil-Każijiet Konġunti C-402/05 P u C-415/05 P: Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-3 ta' Settembru 2008 - Yassin Abdullah Kadi, il-Fondazzjoni Internazzjonali Al Barakaat v. il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, ir-REnju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi emendat biex jipprevedi għal proċedura ta' elenkar li tiżgura li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tad-difiża u b'mod partikolari d-dritt għas-smigħ.

(5) Il-proċedura riveduta għandha tinkludi l-għoti tar-raġunijiet lill-persuna, entità, korp jew grupp elenkat li għalihom ġie elenkat, kif trasmessi mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet dwar Al Qaida u t-Taliban tan-NU, sabiex il-persuna, entità, korp jew grupp elenkat jingħata l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu jew tagħha dwar dawk ir-raġunijiet. L-iskop tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa li jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ta' persuni, entitajiet, korpi u gruppi inklużi fil-lista tal-Al Qaida u t-Taliban mfassla min-NU. Billi r-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jipprevedu li dan l-iffriżar għandu jsir "mingħajr dewmien", tali miżura għandha, min-natura tagħha stess, ikollha l-vantaġġ tal-effett sorpriża.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tieħu deċiżjoni qabel tinforma lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat bir-raġunijiet għall-elenkar. Madanakollu, ir-raġunijiet għall-elenkar, għandhom jiġu notifikati lil dik il-persuna, entità, korp jew grupp mingħajr dewmien bla bżonn, wara li dik id-deċiżjoni tkun ġiet ippubblikata, biex tagħti lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat l-opportunità biex effettivament jgħarraf il-punt tiegħu jew tagħha.

(6) Filwaqt li l-Kummissjoni għandha tagħmel sforz biex tinnotifika r-raġunijiet għall-elenkar direttament lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, din in-notifika tista' ma tkunx possibbli f'ċerti każijiet minħabba dettalji ta' kuntatt mhux kompluti jew in-nuqqas totali tagħhom. F'dawn il-każijiet, għandha tiġi ppubblikata notifika fil-*Ġurnal Uffiċjali* biex tinforma lil dawk ikkonċernati bil-proċeduri applikabbli.

(7) Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' setgħat implimentattivi konferiti fuq il-Kummissjoni [4]. Ir-reviżjoni għandha titwettaq skont il-proċedura regolatorja, b'kont meħud tar-responsabbiltajiet politiċi importanti involuti u n-natura sensittiva tal-isforzi internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 4.
[2] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.
[3] ĠU L 82, 29.3.2003, p. 1.
[4] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

(8) L-istess proċedura għandha tapplika fir-rigward ta' persuni, entitajiet, korpi u gruppi elenkati qabel it-3 ta' Settembru 2008, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet ta' difiża taġħhom u b'mod partikolari id-dritt għas-smigħ.

(9) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [1] u b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, id-dritt għall-proprjetà u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(10) Dan ir-Regolament jirrispetta bis-sħiħ ukoll l-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u n-natura legalment vinkolanti tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

(11) L-iskop tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa li jipprevjeni lr-reati terroristiċi, inkluż l-iffinanzjar tat-terroriżmu, sabiex jinżammu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali. Sabiex tinħoloq l-ogħla ċertezza legali fi ħdan l-Unjoni, l-ismijiet u data oħra rilevanti għall-identifikar ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitatijiet, korpi jew gruppi, li għandu jkollhom il-fondi taġħhom iffriżati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandhom isiru magħrufa pubblikament.

(12) Kull ipproċessar ta' data personali ta' persuni fiżiċi taħt dan ir-Regolament għandu josserva r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data [2] u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [3].

(13) Huwa xieraq li tiġi ċċarata t-tifsira ta' ċertu kliem u li ċerti partijiet tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġu allinjati ma' formulazzjoni standard użata reċentement għal Regolamenti dwar miżuri ristrittivi.

(14) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1:

(a) il-Punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. 'friża ta' fondi' tfisser il-prevenzjoni ta' moviment, trasferiment, tibdil, użu ta', aċċess għal, jew operazzjoni relatata ma' fondi f'kull mod li jirriżulta f'tibdil fil-volum, ammont, lokalità, sjieda, pussess, natura, destinazzjoni jew tibdil ieħor li jħalli l-użu tal-fondi, li jinkludi amministrazzjoni ta' portafolli;";

(b) il-punti li ġejjin huma miżjuda:

"5. 'Kumitat tas-Sanzjonijiet' tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1267 (1999) dwar Al Qaida u t-Taliban;

6. 'Dikjarazzjoni ta' raġunijiet' tfisser il-parti tad-dikjarazzjoni ta' każ li tista' tinħareġ għall-pubbliku kif previst mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u/jew, fejn applikabbli, is-sintesi tar-raġunijiet għall-elenkar kif previst mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.";

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għal, li huma l-proprjetà, li huma miżmuma jew ikkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp elenkat fl-Anness I, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi m'għandhom ikunu mqeġħdin għad-dispożizzjoni, direttament jew indirettament, jew għall-benefiċċju, ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi jew gruppi kif elenkati fl-Anness I.

3. L-Anness I għandu jikkonsisti f'persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi jew gruppi nominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet bħala assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban.

4. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 2 m'għandhiex twassal għal responsabbiltà ta' ebda xorta fuq in-naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet, il-korpi jew gruppi kkonċernati, jekk huma ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet taġħhom kienu ser jiksru dawn il-projbizzjonijiet.";

[1] ĠU C 364, 18.12.2000, p. 1.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[3] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

(3) Fl-Artikolu 2a(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) (i) fil-każ ta' determinazzjoni taħt il-punt (a)(i), (ii) jew (iii), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma oġġezzjonax għad-determinazzjoni fi żmien tlett ijiem tax-xogħol min-notifikazzjoni; jew

(ii) fil-każ ta' determinazzjoni taħt il-punt (a) (iv), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet approva d-determinazzjoni.";

(4) L-Artikolu li ġej huwa mdaħħal:

"Artikolu 2b

L-Artikolu 2(2) m'għandux jipprevjeni istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fl-Unjoni milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn huma jirċievu fondi ttrasferiti fuq il-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp elenkat, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda għal dawn il-kontijiet tkun iffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti dwar transazzjonijiet bħal dawn mingħajr dewmien.";

(5) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Istati Membri fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika tagħhom, għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta' pariri tekniċi, għajnuna jew taħriġ rilevanti għal attivitajiet militari, li jinkludu b'mod partikolari taħriġ u għajnuna relatata mall-manifattura, manutenzjoni u użu ta' armi u materjali relatat ta' kull tip, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp imniżżel fl-Anness I.";

(6) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1)(a), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'mod partikolari, għandha tiġi pprovduta informazzjoni disponibbli fir-rigward ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-pussess ta' jew ikkontrollati minn persuni nominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet u elenkati fl-Anness I matul il-perijodu ta' sitt xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;";

(7) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li fondi jew riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, magħmul in bona fede fuq il-bażi li din l-azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, m'għandu jirriżulta fl-ebda tip ta' obbligu fuq il-persuna fiżika jew ġuridika jew entitajiet jew korpi li jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, kemm-il darba ma jkunx ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ffriżati, jew ma kinux disponibbli, bħala riżultat ta' negligenza.";

(8) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex:

(a) temenda l-Anness I, fejn xieraq skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2), u

(b) temenda l-Anness II fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.";

(9) L-Artikoli li ġejjin huma mdaħħla:

"Artikolu 7a

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddeċiedi li jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp għall-ewwel darba, il-Kummissjoni għandha, hekk kif id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tkun ġiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, tieħu deċiżjoni biex tinkludi tali persuna, entità, korp jew grupp fl-Anness I.

2. Ladarba tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika mingħajr dewmien id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew wara l-pubblikazzjoni ta' avviż, biex tipprovdilu/ha l-opportunità li j/tesprimi ruħu/ha jew l-opinjonijiet tiegħu jew tagħha dwar il-kwistjoni.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1 fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2). Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu jintbagħat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, biex persuna, entità, korp jew grupp jitneħħa mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3 u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2).

5. Fejn in-Nazzjonjiet Uniti jiddeċiedu li jħassru mil-lista persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp, jew li jemendaw id-data li tidentifika persuna, entità, korp jew grupp elenkat, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I kif meħtieġ.

Artikolu 7b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

Artikolu 7c

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi u gruppi li ġew inklużi fl-Anness I qabel it-3 ta' Settembru 2008 u għadhom fil-lista, jistgħu jressqu talba lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni tar-raġunijiet. It-talba għandha tkun imressqa bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

2. Hekk kif id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet mitluba tiġi ppprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkomunikaha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, biex tipprovdilu/ha l-opportunità li j/tesprimi ruħu/ha jew l-opinjonijiet tiegħu/tagħha dwar il-kwistjoni.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni li tinkludi lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat fl-Anness I, fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2). Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu jintbagħat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, biex persuna, entità, korp jew grupp jitneħħa mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3 u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2).

Artikolu 7d

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (*).

2. L-Anness I għandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni dwar persuni fiżiċi elenkati li hija pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li hija meħtieġa għall-iskop ta' identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati. Tali informazzjoni tista' tinkludi:

(a) kunjom u ismijiet mogħtija, inklużi pserwdonimi u titli, fejn hemm;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(ċ) in-nazzjonalità;

(d) in-numri tal-passaport u tal-Karta tal-Identità;

(e) in-numri tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali;

(f) is-sess;

(g) indirizz jew informazzjoni oħra dwar fejn jinstabu;

(h) funzjoni jew professjoni;

(i) id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2(3).

Artikolu 7e

L-Anness I għandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni dwar persuni ġuridiċi u entitajiet li hija pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li hija meħtieġa għall-iskop ta' identifikazzjoni tal-persuna jew l-entità kkonċernata. Tali informazzjoni tista' tinkludi:

(a) isem;

(b) il-post u d-data ta' reġistrazzjoni;

(ċ) numru ta' reġistrazzjoni;

(d) post prinċipali tan-negozju jew informazzjoni oħra dwar fejn jinsab;

(e) id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2(3).

(*) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.";

(10) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew bastiment li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kull persuna ġuridika fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu, li hija ċittadin ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kull persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill

Il President

A. CARLGREN

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/1002/PESK

tat-22 ta' Diċembru 2009

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Novembru 2006, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta l-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) ([1]); din il-Pożizzjoni Komuni ġiet emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2009/573/PESK ([2]) li implimentat ir-Riżoluzzjoni 1874 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonjiet Uniti.

(2) Il-projbizzjoni dwar il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment dirett jew indirett lir-RDPK ta' ċerti oġġetti, materjali, taġħmir, merkanzija u teknoloġija għandha tinkludi l-oġġetti b'użu doppju u t-teknoloġija kollha elenkati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju ([3]).

(3) Il-Kunsill identifika l-persuni u l-entitajiet li jissodisfaw il-kriterji mniżżlin fl-Artikoli 3(1)(b) u 4(1)(b) u l-Artikoli 3(1)(c) u 4(1)(c) tal-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK. Dawn il-persuni u l-entitajiet għandhom għalhekk jiġu elenkati fl-Anness II u III għal dik il-Pożizzjoni Komuni.

(4) Il-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (c) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(c) ċerti oġġetti, materjali, taġħmir, merkanzija u teknoloġija oħra li jistgħu jikkontribwixxu għall-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħrajn tal-qerda tal-massa jew li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet militari taġħha, li għandhom jinkludu l-oġġetti b'użu doppju u t-teknoloġija kollha elenkati fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju (*). L-Unjoni Ewropea għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom jkunu koperti b'din id-dispożizzjoni.

(*) ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1"

2) fl-Artikolu 4, il-paragrafi 3 u 4 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li jkunu:

(a) meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti ħtiġijiet bażiċi, inklużi ħlasijiet għal prodotti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, premiums ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għal servizzi ta' utilità pubblika;

(b) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-għoti ta' servizzi legali; jew

(c) maħsuba esklużivament għall-ħlas ta' onorarji jew ħlasijiet għal servizz, skont il-liġijiet nazzjonali, għal servizzi ta' rutina taż-żamma jew manteniment ta' fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi,

wara n-notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, għall-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness I, dwar l-intenzjoni li jawtorizza, fejn adatt, l-aċċess għal tali fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħra u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn tali notifika.

4. Jistgħu wkoll isiru eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li jkunu:

(a) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat u approvat mill-Kumitat għall-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness I; jew

([1]) ĠU L 322, 22.11.2006, p. 32.
([2]) ĠU L 197, 29.7.2009, p. 111.
([3]) ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

(b) is-suġġett ta' garanzija jew sentenza ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, f'liema każ il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dik il-garanzija jew is-sentenza, bil-kondizzjoni li l-garanzija jew is-sentenza kienet imdaħħla qabel id-data li fiha l-persuna jew l-entità msemmija fil-paragrafu 1 ġiet innominata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill, u mhijiex għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat għall-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness I."

Artikolu 2

L-Annessi II u III għall-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK għandhom jiġu sostitwiti bit-test li jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. CARLGREN

ANNESS

"ANNESS II

A. Lista ta' persuni msemmija fl-Artikoli 3(1)(b) u 4(1)(b)

#	Isem (u psewdonimi eventwali)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	CHANG Song-taek (magħruf ukoll bħala JANG Song-Taek)	Data tat-twelid 2.2.1946 jew 6.2.1946 jew 23.2.1946 (provinċja ta' Hamgyong Nord) Numru tal-passaport (fl-2006): PS 736420617	Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża. Direttur tad-Dipartiment Amministrattiv tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea
2.	CHON Chi Bu		Membru tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika, ex-direttur tekniku ta' Yongbyon.
3.	CHU Kyu-Chang (magħruf ukoll bħala JU Kyu-Chang)	Data tat-twelid: bejn l- 1928 u l-1933	Prim Viċi-Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tad-Difiża (programm ballistiku), Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, membru tal-Kummissjoni nazzjonali tad-Difiża.
4.	CHU Kyu-Chang (magħruf ukoll bħala JU Kyu-Chang)	Data tat-twelid 1934 (Mandchourie, Ċina	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati Popolari (Konsulent militari ta' Kim Jong Il).
5.	JON Pyong-ho	Data tat-twelid: 1926	Segretarju tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, Kap tal-Kumitat Ċentrali tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Provvisti Militari li jikkontrolla t-Tieni Kumitat Ekonomiku tal-Kumitat Ċentrali, membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża.
6.	KIM Yong-chun (magħruf ukoll bħala Young-chun	Data tat-twelid: 4.3.1935 Numru tal-passaport: 554410660	Viċi-President tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, Ministru tal-Forzi Armati Popolari, Konsulent Speċjali ta' Kim Jong Il għall-istrateġija nukleari.
7.	O Kuk-Ryo	Data tat-twelid: 1931 (provinċja ta' Jilin, Ċina)	Viċi-President tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża, sorveljant tal-akkwisti barra l-pajjiż tat-teknoloġiji moderni għall-programm nukleari u dak ballistiku
8.	PAEK Se-bong	Data tat-twelid: 1946	President tat-Tieni Kumitat Ekonomiku (responsabbli mill-programm ballistiku) tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tad-Difiża.
9.	PAK Jae-gyong (magħruf ukoll bħala Chae-Kyong	Data tat-twelid: 1933 Numru tal-passaport: 554410661	Viċi-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika Ġenerali tal-Forzi Armati Popolari u Viċi-Direttur tal-uffiċċju tal-loġistika tal-Forzi Armati Popolari (Konsulent militari ta' Kim Jong Il).
10.	PYON Yong Rip (magħruf ukoll bħala Yong-Nip)	Data tat-twelid: 20.9.1929 Numru tal-passaport: 645310121 (maħruġ fit-13.9.2005)	President tal-Akkademja tax-Xjenzi li kienet involuta f'riċerka bijoloġika relatata mal-AQM
11.	RYOM Yong		Direttur tal-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti) responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali.
12.	SO Sang-kuk	Data tat-twelid: bejn l-1932 u l-1938	Kap tad-Dipartiment tal-Fiżika Nukleari, Università Kim Il Sung.

B. Lista ta' entitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(b)

#	Isem (u psewdonimi eventwali)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Ċentru ta' Riċerka Nukleari ta' Yongbyon		Ċentru ta' riċerka li pparteċipa fil-produzzjoni ta' plutonju ta' kwalità militari. Ċentru li jiddependi mill-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti, 16.7.2009).
2.	Korea Pugang mining and machinery corporation ltd		Filjali tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti, 24.4.2009), li tamministra fabbriki għall-produzzjoni ta' trab tal-alluminju li jista' jintuża fil-qasam tal-missili.
3.	Korean Ryengwang trading corporation	Rakwon-dong, Pothonggang District, Pyongyang, Korea ta' Fuq	Filjali tal-Korea Ryongbong General Corporation (entità magħżula min-Nazzjonijiet Uniti, 24.4.2009).
4.	Sobaeku United Corp (magħrufa wkoll bħala Sobaeksu United Corp		Kumpannija Statali, involuta fir-riċerka jew l-akkwist ta' prodotti jew ta' tagħmir sensittiv. Hija għandha diversi depożiti ta' grafita naturali li jipprovdu bil-materja prima lil żewġ fabbriki ta' proċessar li jipproduċu partikolarment blokki tal-grafita li jistgħu jintużaw fil-qasam ballistiku.

ANNESS III

A. Lista ta' persuni msemmija fl-Artikoli 3(1)(c) u 4(1)(c)

1.	KIM Tong-un		Direttur tal-'Uffiċċju 39' tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema li huwa involut fil-finanzjament tal-proliferazzjoni."

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/1003/PESK

tat-22 ta' Diċembru 2009

li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Ginea [1], bi tweġiba għar-repressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà fuq dimostranti politiċi f'Conakry fit-28 ta' Settembru 2009.

(2) Minħabba s-serjetà tas-sitwazzjoni fir-Repubblika tal-Ginea, għandhom jiġu imposti miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-membri individwali tal-Kunsill Nazzjonali għad-Demokrazija u l-Iżvilupp (NCDD) u persuni, entitajiet jew korpi fiżiċi jew ġuridiċi individwi assoċjati magħhom, responsabbli għar-reppressjoni vjolenti jew l-impass politiku fil-pajjiż.

(3) Barra minn hekk, aktar persuni fiżiċi jew legali, entitajiet jew korpti assoċjati man-NCDD, għandhom jiġu inklużi fuq il-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi mniżżlin fl-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

1. Il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' armamenti u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjoni, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawn imsemmija qabel, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lir-Repubblika tal-Ginea minn ċittadini tal-Istati Membri jew mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru tal-bandiera tagħhom, għandhom jiġu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u kemm jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 jew relatati mal-forniment, il-manifatturar, il-manutenzjoni u l-użu ta' tali oġġetti, lil kwalunkwe persuna fiżika jew legali, entità jew korp fi, jew għall-użu fir-Repubblika tal-Ginea;

(b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' tali oġġetti,, jew għall-forniment ta' assistenza teknika relatata, senserija jew servizzi oħra lil kwalunkwe persuna fiżika jew legali, entità jew korp fi, jew għall-użu fir-Repubblika tal-Ginea;

(c) il-parteċipazzjoni, konxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet, li l-objettiv jew l-effett tagħhom hu li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b).";

(2) L-Artikolu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

(a) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir militari li ma joqtolx, jew ta' tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, maħsub biss għal użu umanitarju jew protettiv, jew għall-programmi għall-bini ta' istituzzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u l-UE, jew għal operazzjonijiet tal-UE u n-NU ta' maniġġar ta' kriżijiet;

(b) il-bejgħ, il-provvista, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' vetturi mhux tal-ġlied li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali biex jipprovdu protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fir-Repubblika tal-Ginea;

(c) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħrajn relatati ma' tali tagħmir, jew ma' tali programmi u operazzjonijiet;

(d) il-forniment ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' tali tagħmir jew ma' tali programmi u operazzjonijiet,

bil-kondizzjoni li tali esportazzjonijiet jew assistenza jkunu ġew approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.

[1] ĠU L 281, 28.10.2009, p. 7.

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn ir-Repubblika tal-Ginea minn persunal tan-NU, persunal tal-UE jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u dawk għall-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.";

(3) L-Artikolu 3, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-prevenzjoni tad-dħul fi, jew it-transitu minn ġewwa, it-territorji tagħhom tal-membri individwali tan-NCDD u persuni assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness.";

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 3a

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati mill-membri individwali tan-NCDD u persuni, entitajiet jew korpi fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni, entitajiet jew korpi fiżiċi jew ġuridiċi elenkati fl-Anness.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġjonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż magħmula assoċjati mal-forniment ta' servizzi legali;

(c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' onorarji jew ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' rutina ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt danil-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma soġġetti ta' rahan ġudizzjarju, amministrattiv jew arbitrali stabbilit qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew legali, entità jew korp msemmi fl-Artikolu 3a ġie inkluż fl-Anness jew ta' sentenza ġudizjarja, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament biex jissodisfaw il-pretensjonijiet żgurati b'dan ir-rahan jew rikonoxxuti bħala validi f'din is-sentenza, fil-limiti ffissati bil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet tal-persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;

(c) ir-rahan jew is-sentenza mhix għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew legali, entità jew korp elenkati fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent li r-rahan jew is-sentenza ma jmorrux kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

Stati Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

5. Il-Paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li kienu konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal din il-Pożizzjoni Komuni,

sakemm kwalunkwe tali mgħax, qligħ u pagamenti oħrajn jibqaw soġġetti għall-paragrafu 1.".

Artikolu 2

L-Anness għall-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK għandu jinbidel bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
A. CARLGREN

ANNESS II

LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3 U 3A

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni għall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
1.	Kaptan Moussa Dadis CAMARA	d.t.t.: 01/01/64 jew 29/12/68 Pass.: R0001318	President tas-CNDD
2.	Ġeneral tad-Diviżjoni Mamadouba (psewdonomu Mamadou) Toto CAMARA	d.t.t.: 01/01/46 Pass: R00009392	Ministru tas-Sigurtà u l-Protezzjoni Ċivili
3.	Ġeneral Sékouba KONATÉ	d.t.t.: 01/01/64 Pass: R0003405//R0002505	Ministru tad-Difiża Nazzjonali
4.	Kurunell Mathurin BANGOURA	d.t.t.: 15/11/62 Pass.: R0003491	Ministru tat-Telekomunikazzjoni u t-Teknoloġiji l-Ġodda tal-Informazzjoni
5.	Logutenent Kurunell Aboubacar Sidiki (psewdonomu Idi Amin) CAMARA	d.t.t.: 22/10/79 Pass: R0017873	Ministru u Segretarju Permanenti tas-CNDD (imkeċċi mill-Armata fis-26/01/09)
6.	Kmandant Oumar BALDÉ	d.t.t.: 26/12/64 Pass.: R0003076	Membru tas-CNDD
7.	Kmandant Mamadi (psewdonomu Mamady) MARA	d.t.t.: 01/01/54 Pass: R0001343	Membru tas-CNDD
8.	Kmandant Almamy CAMARA	d.t.t.: 17/10/75 Pass.: R0023013	Membru tas-CNDD
9.	Logutenent Kurunell Mamadou Bhoye DIALLO	d.t.t.: 01/01/56 Pass.: R0001855	Membru tas-CNDD
10.	Kaptan Koulako BÉAVOGUI		Membru tas-CNDD
11.	Logutenent Kurunell tal-Pulizija Kandia (psewdonomu Kandja) MARA	Pass.: R0178636	Membru tas-CNDD Direttur tas-Sigurtà Nazzjonali ta' Labé
12.	Kurunell Sékou MARA	d.t.t.: 1957	Membru tas-CNDD Viċi Direttur tal-Pulizija Nazzjonali
13.	Morciré CAMARA	d.t.t.: 01/01/49 Pass.: R0003216	Membru tas-CNDD
14.	Alpha Yaya DIALLO		Membru tas-CNDD Direttur Nazzjonali tad-Dwana
15.	Kurunell Mamadou Korka DIALLO	d.t.t.: 19/02/62	Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u l-SMEs
16.	Kmandant Kelitigui FARO	d.t.t.: 03/08/72 Pass.: R0003410	Ministru Segretarju Ġenerali għall-Presidenza tar-Repubblika
17.	Kurunell Fodeba TOURÉ	d.t.t.: 07/06/61 Pass.: R0003417 /R0002132	Gvernatur ta' Kindja (dak li kien il-Ministru taż-Żgħażagħ, imkeċċi minn Ministru fis-07/05/09)
18.	Kmandant Cheick Sékou (psewdonomu Ahmed) Tidiane CAMARA	d.t.t.: 12/05/66	Membru tas-CNDD
19.	Kurunell Sékou (psewdonomu Sékouba) SAKO		Membru tas-CNDD
20.	Logutenent Jean- Claude (magħruf bħala COPLAN PIVI)	d.t.t.: 01/01/60	Membru tas-CNDD Ministru responsabbli għas-Sigurtà Presidenzjali

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ghall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
21.	Kaptan Saa Alphonse TOURÉ	d.t.t: 03/06/70	Membru tas-CNDD
22.	Kurunell Moussa KEITA	d.t.t.: 01/01/66	Membru tas-CNDD Ministru Segretarju Permanenti tas-CNDD responsabbli ghar-Relazzjonijiet mal-Istituzzjonijiet Repubblikani
23.	Logutenent Kurunell Aïdor (psewdonomu Aëdor) BAH		Membru tas-CNDD
24.	Kmandant Bamou LAMA		Membru tas-CNDD
25.	Is-Sur Mohamed Lamine KABA		Membru tas-CNDD
26.	Kaptan Daman (psewdonomu Dama) CONDÉ		Membru tas-CNDD
27.	Kmandant Aboubacar Amadou DOUMBOUYA		Membru tas-CNDD
28.	Kmandant Moussa Tiégboro CAMARA	d.t.t.: 01/01/68 Pass.: 7190	Membru tas-CNDD Ministru fil-Presidenza responsabbli ghas-servizzi speċjali tal-ġlieda kontra d-drogi u l-brigantaġġ serju
29.	Kaptan Issa CAMARA	d.t.t.: 1954	Membru tas-CNDD Gvernatur ta' Mamou
30.	Kurunell Dr. Abdoulaye Chérif DIABY	d.t.t.: 26/02/57 Pass.: 13683	Membru tas-CNDD Ministru tas-Saħħa u tal-Iġjene Pubblika
31.	Mamady CONDÉ	d.t.t.: 28/11/52 Pass.: R0003212	Membru tas-CNDD
32.	Sub-Logutenent Cheikh Ahmed TOURÉ		Membru tas-CNDD
33.	Logutenent Kurunell Aboubacar Biro CONDÉ	d.t.t.: 15/10/62 Pass.: 2443/R0004700	Membru tas-CNDD
34.	Bouna KEITA		Membru tas-CNDD
35.	Idrissa CHERIF	d.t.t.: 13/11/67 Pass.: R0105758	Ministru responsabbli ghall-Komunikazzjonijiet fil-Presidenza u fil-Ministeru tad-Difiża
36.	Mamoudou (psewdonomu) Mamadou) CONDÉ	d.t.t.: 09/12/60 Pass.: R0020803	Segretarju tal-Istat, Responsabbli ghall-Missjonijiet, il-kwistjonijiet strateġiċi u l-iżvilupp sostenibbli
37.	Logutenent Aboubacar Chérif (psewdonomu Toumba) DIAKITÉ		Aide de Camp tal-President
38.	Ibrahima Khalil DIAWARA	d.t.t.: 01/01/76 Pass.: R0000968	Kunsillier Speċjali ta' Aboubacar Chérif "Toumba" Diakité
39.	Sub-Logutenent Marcel KOIVOGUI		Assistent ta' Aboubacar Chérif "Toumba" Diakité
40.	Is-Sur Papa Koly KOUROUMA	d.t.t.: 03/11/62 Pass.: R11914/R001534	Ministru tal-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli
41.	Kmandant Nouhou THIAM	d.t.t.: 1960 Pass.: 5180	Spettur Ġenerali tal-Forzi Armati Kelliem tas-CNDD
42.	Kaptan tal-Pulizija Théodore (psewdonomu Siba) KOUROUMA	d.t.t.: 13/05/71 Pass.: Service R0001204	Attaché tal-kabinett ghall-Presidenza

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ghall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
43.	Is-Sur Kabinet (psewdonomu Kabiné) KOMARA	d.t.t.: 08/03/50 Pass: R0001747	Membru tas-CNDD
44.	Kaptan Mamadou SANDÉ	d.t.t.: 12/12/69 Pass: R0003465	Ministru fil-Presidenza responsabbli ghall-Ekonomijia u l-Finanzi
45.	Is-Sur Alhassane (psewdonomu Al-Hassane) Siba ONIPOGUI	d.t.t.: 31/12/61 Pass: 5938/R00003488	Ministru fil-Presidenza responsabbli ghall-Kontroll tal-Istat
46.	Is-Sur Joseph KANDUNO		Ministru responsabbli ghall-Verifiki, it-trasparenza u l-Governanza tajba
47.	Is-Sur Fodéba (psewdonomu Isto) KÉIRA	d.t.t.: 04/06/61 Pass: R0001767	Ministru taż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Promozzjoni tal-Impjieg fost iż-Żgħażagħ
48.	Kurunell Siba LOHALAMOU	d.t.t.: 01/08/62 Pass: R0001376	Ministru tal-Ġustizzja, Ghassies tas-Siġilli
49.	Dr. Frédéric KOLIÉ	d.t.t.: 01/01/60 Pass : R0001714	Ministru tal-Amministrazzjoni tat-Territorju u l-Affarijiet Politiċi
50.	Is-Sur Alexandre Cécé LOUA	d.t.t.: 01/01/56 Pass: R0001757 / diplomatiku: R 0000027	Ministru tal-Affarijiet Barranin u taċ-Ċittadini tal-Ginea li jgħixu barra mill-pajjiż
51.	Is-Sur Mamoudou (psewdonomu Mahmoud) THIAM	d.t.t.: 04/10/68 Pass: R0001758	Ministru tal-Minjieri u l-Enerġija
52.	Is-Sur Boubacar BARRY	d.t.t.: 28/05/64 Pass: R0003408	Ministru tal-Istat fil-Presidenza responsabbli ghall-Kostruzzjoni, il-Ġestjoni tat-Territorju u l-Wirt Arkitetturali Pubbliku
53.	Demba FADIGA	d.t.t.: 01/01/52 Pass: Dokument ta' residenza FR365845/365857	Membru tas-CNDD, Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju. Responsabbli ghar-relazzjonijiet bejn is-CNDD u l-Gvern
54.	Is-Sur Mohamed DIOP	d.t.t.: 01/01/63 Pass: R0001798	Membru tas-CNDD Gvernatur ta' Conarky
55.	Is-Surġent Mohamed (psewdonomu Tigre) CAMARA		Membru tal-forzi tas-sigurtà fil-kamp tal-Gwardja Presidenzjali 'Koundara'
56.	Is-Sur Habib HANN	d.t.t.: 15/12/50 Pass: 341442	Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza fis-Setturi Strateġiċi tal-Istat
57.	Is-Sur Ousmane KABA		Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
58.	Is-Sur Alfred MATHOS		Kumitat ta' Verifika u ta' Sorveljanza tas-Setturi Strateġiċi tal-Istat
59.	Kaptan Mandiou DIOUBATÉ	d.t.t.: 01/01/60 Pass: R0003622	Direttur tal-uffiċċju tal-istampa fil-Presidenza Kelliem tas-CNDD
60.	Cheik Sydia DIABATÉ	d.t.t.: 23/04/68 Pass: R0004490	Membru tal-Forzi Armati Direttur tas-Servizzi ta' Intelligence u ta' Investigazzjoni fil-Ministru tad-Difiża
61.	Is-Sur Ibrahima Ahmed BARRY	d.t.t.: 11/11/61 Pass: R0048243	Direttur Ġenerali tar-Radju u t-Televiżjoni tal-Ginea

	Isem (u psewdonomi possibbli)	Informazzjoni ghall-identifikazzjoni (data u post tat-twelid (d.t.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal-identità…)	Karigi
62.	Is-Sur Alhassane BARRY	d.t.t.: 15/11/62 Pass: R0003484	Gvernatur tal-Bank Ċentrali
63.	Is-Sur Roda Namatala FAWAZ	d.t.t.: 06/07/47 Pass: R0001977	Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
64.	Dioulde DIALLO		Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
65.	Kerfalla CAMARA		KPC PDG tal-Gui. Co. Pres Negozjant konness mas-CNDD u li ta appoġġ finanzjarju lis-CNDD
66.	Dr. Moustapha ZABATT	d.t.t.: 06/02/65	Tabib u Konsulent Personali tal-President
67.	Aly MANET		Moviment 'Dadis Doit Rester'
68.	Louis M'bemba SOUMAH		Ministru tax-Xogħol, ir-Riforma Amministrattiva u s-Servizz Pubbliku
69.	Cheik Fantamady CONDÉ		Ministru tal-Informazzjoni u l-Kultura
70.	Boureima CONDÉ		Ministru tal-Agrikoltura u t-Trobbija tal-Bhejjem
71.	Mariame SYLLA		Ministru tad-Deċentralizzazzjoni u l-Iżvilupp Lokali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/1004/PESK

tat-22 ta' Diċembru 2009

li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([1]).

(2) Fil-15 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2009/468/PESK li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([2]).

(3) F'konformità mal-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, hu meħtieġ li titwettaq reviżjoni kompleta tal-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom tapplika l-Pożizzjoni Komuni 2009/468/PESK.

(4) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-riżultat tar-reviżjoni li l-Kunsill wettaq fir-rigward tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(5) B'segwitu tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Settembru 2009 fil-Każ T-341/07, persuna waħda ma ġietx inkluża fil-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tall-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

(6) Il-Kunsill ikkonkluda wkoll li l-entrata rigward wieħed mill-gruppi fil-lista għandha tiġi emendata.

(7) Il-Kunsill ikkonkluda li bl-eċċezzjoni tal-persuna msemmija fil-premessa (5), il-persuni, gruppi u entitajiet l-oħra li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK kienu involuti f'atti terroristiċi fit-tifsira tal-Artikolu 1(2) u (3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK, li ttieħdet deċiżjoni fir-rigward tagħhom minn awtorità kompetenti fit-tifsira tal-Artikolu 1(4) ta' dik il-Pożizzjoni Komuni, u li huma għandhom ikomplu jkunu soġġetti għall-miżuri restrittivi speċifiċi previsti fiha.

(8) Il-lista tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandha tkun aġġornata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK għandha tkun dik stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Pożizzjoni Komuni 2009/468/PESK hija b'hekk imħassra safejn tikkonċerna persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplikaw l-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha *f'll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata *f'll-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. CARLGREN

([1]) ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93.
([2]) ĠU L 151, 16.6.2009, p. 45.

ANNESS

LISTA TA' PERSUNI, GRUPPI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

1. PERSUNI

1. ABOU, Rabah Naami (magħruf ukoll bħala Naami Hamza; magħruf ukoll bħala Mihoubi Faycal; magħruf ukoll bħala Fellah Ahmed; magħruf ukoll bħala Dafri Rèmi Lahdi) imwieled fl-01.02.1966 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al- Hijra")

2. ABOUD, Maisi (magħruf ukoll bħala l-Abderrahmane Svizzeru) imwieled fis- 17.10.1964 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

3. AL-MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (magħruf ukoll bħala ABU OMRAN; magħruf ukoll bħala AL-MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) imwieled fis-26.6.1967 f'Qatif-Bab al Shamal (Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

4. AL-NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, imwieled f'Al Ihsa (l-Arabja Sawdita); ċittadin ta' Arabja Sawdita

5. AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, imwieled fis-16.10.1966 f'Tarut, l-Arabja Sawdita; ċittadin tal-Arabja Sawdita

6. ARIOUA, Kamel (magħruf ukoll bħala Lamine Kamel) imwieled fit-18.08.1969 f'Kostantin (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

7. ASLI, Mohamed (magħruf ukoll bħala Dahmane Mohamed) imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

8. ASLI, Rabah imwieled fit-13.05.1975 f'Ain Taya (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

9. ATWA, Ali (magħruf ukoll bħala BOUSLIM, Ammar Mansour; magħruf ukoll bħala SALIM, Hassan Rostom), il-Libanu, imwieled fl-1960 fil-Libanu; ċittadin tal-Libanu

10. BOUYERI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Abu ZUBAIR; magħruf ukoll bħala SOBIAR; magħruf ukoll bħala Abu ZOUBAIR), imwieled fit-08.03.1978 f'Amsterdam (l-Olanda) (Membru tal-"Hofstadgroep")

11. DARIB, Noureddine (magħruf ukoll bħala Carreto; magħruf ukoll bħala Zitoun Mourad) imwieled fl-01.02.1972 fl-Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

12. DJABALI, Abderrahmane (magħruf ukoll bħala Touil) imwieled fl-01.06.1970 fl- Alġerija (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

13. EL FATMI, Nouredine (magħruf ukoll bħala Nouriddin EL FATMI; magħruf ukoll bħala Nouriddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Noureddine EL FATMI; magħruf ukoll bħala Abu AL KA'E KA'E; magħruf ukoll bħala Abu QAE QAE; magħruf ukoll bħala FOUAD; magħruf ukoll bħala FZAD; magħruf ukoll bħala Nabil EL FATMI; magħruf ukoll bħala Ben MOHAMMED; magħruf ukoll bħala Ben Mohand BEN LARBI; magħruf ukoll bħala Ben Driss Muhand IBN LARBI; magħruf ukoll bħala Abu TAHAR; magħruf ukoll bħala EGGIE), imwieled fil-15.08.1982 f'Midar (il-Marokk), Nru tal-passaport (il-Marokk) N829139 (Membru tal-"Hofstadgroep")

14. EL-HOORIE, Ali Saed Bin Ali (magħruf ukoll bħala AL-HOURI, Ali Saed Bin Ali; magħruf ukoll bħala EL-HOURI, Ali Saed Bin Ali) imwieled fl-10.7.1965 jew il- 11.7.1965 f'El Dibabiya, (l-Arabja Sawdita); ċittadin tal-Arabja Sawdita

15. FAHAS, Sofiane Yacine, imwielda fl-10.09.1971 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")

16. IZZ-AL-DIN, Hasan (magħruf ukoll bħala GARBAYA, AHMED; magħruf ukoll bħala SA-ID; magħruf ukoll bħala SALWWAN, Samir), il-Libanu, imwieled fl-1963 fil- Libanu, ċittadin tal-Libanu

17. MOHAMMED, Khalid Shaikh (magħruf ukoll bħala ALI, Salem; magħruf ukoll bħala BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; magħruf ukoll bħala HENIN, Ashraf Refaat Nabith; magħruf ukoll bħala WADOOD, Khalid Adbul) imwieled fl-14.4.1965 jew fl-1.3.1964 fil-Pakistan, passaport Nru 488555

18. MOKTARI, Fateh (magħruf ukoll bħala Ferdi Omar) imwieled fis-26.12.1974 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

19. NOUARA, Farid imwieled fil-25.11.1973 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

20. RESSOUS, Hoari (magħruf ukoll bħala Hallasa Farid) imwieled fil-11.09.1968 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

21. SEDKAOUI, Noureddine (magħruf ukoll bħala Nounou) imwieled fit-23.06.1963 f'Alġeri (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

22. SELMANI, Abdelghani (magħruf ukoll bħala Gano) imwieled fl-14.06.1974 f'Alġeri (l- Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

23. SENOUCI, Sofiane imwielda fil-15.04.1971 f'Hussein Dey (l-Alġerija) (Membru ta'"al-Takfir" u "al-Hijra")

24. TINGUALI, Mohammed (magħruf ukoll bħala Mouh di Kouba) imwieled fil- 21.04.1964 fi Blida (l-Alġerija) (Membru ta' "al-Takfir" u "al-Hijra")

25. WALTERS, Jason Theodore James (magħruf ukoll bħala Abdullah; magħruf ukoll bħala David), imwieled fis-06.03.1985 f'Amersfoort (l-Olanda), Nru tal-passaport (l- Olanda) NE8146378 (Membru tal-"Hofstadgroep")

2. GRUPPI U ENTITAJIIET

1. L-Organizzazzjoni Abu Nidal ("ANO"), (magħrufa ukoll bħala l-"Kunsill Rivoluzzjonarju ta' Fatah", il-"Brigati Rivoluzzjonarji Għarab", "Settembru l- Iswed", u l-"Organizzazzjoni Rivoluzzjonarja tal-Musulmani Soċjalisti")
2. "Il-Brigata tal-Martri ta' Al-Aqsa"
3. "Al-Aqsa e.V."
4. "Al-Takfir" u "Al-Hijra"
5. "Aum Shinrikyo" (magħruf ukoll bħala "AUM", magħruf ukoll bħala "Aum Verita Suprema," magħruf ukoll bħala "Aleph")
6. "Babbar Khalsa"
7. Il-"Partit Komunista tal-Filippini", inkluż "l-Armata l-Ġdida tal-Poplu" - "NPA", il-Filippini
8. "Gama'a al-Islamiyya" ("Grupp Islamiku"), (magħruf ukoll bħala "Al-Gama'a al-Islamiyya" - "IG") "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" "IBDA-C"(Il-Front Kbir Islamiku tal- Ġellieda tal-Lvant)
9. "İslami Büyük Doğu Akıncılar Cephesi" – "IBDA-C" ("Great Islamic Eastern Warriors Front")
10. "Hamas" (inkluż "Hamas-Izz al-Din al-Qassem")
11. "Hizbul Mujahideen" ("HM")
12. "Hofstadgroep"
13. Il-"Fondazzjoni ta' l-Art Imqaddsa għas-Soljev u l-Iżvilupp"
14. Il-"Federazzjoni Internazzjonali taż-Żgħażagħ Sikh" ("ISYF")
15. "Kahane Chai" ("Kach")
16. Il-"Forza Khalisan Zindabad" ("KZF")
17. Il-"Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan" ("PKK"), (magħruf ukoll bħala "KADEK"; magħruf ukoll bħala "KONGRA-GEL")
18. "Tigri għal-Liberazzjoni ta' Tamil Eelam" ("LTTE")
19. L-"Armata għal-Liberazzjoni Nazzjonali" ("Ejército de Liberación Nacional")
20. Il-"Front għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PLF")
21. Il-"Jihad Islamika Palestinjana" ("PIJ")
22. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina" ("PFLP")
23. Il-"Front Popolari għal-Liberazzjoni tal-Palestina – Kmand Ġenerali", (magħruf ukoll bħala "PFLP – Kmand Ġenerali")
24. "Fuerzas armadas revolucionarias de Colombia" "Il-Forzi Armati Rivoluzzjonarji tal-Kolombja" ("FARC")
25. "Devrimci Halk Kurtuluş Partisi-Cephesi" "L-Armata/Il-Front/Il-Partit Rivoluzzjonarju/a għal-Liberazzjoni tal-Poplu" ("DHKP/C"), (magħruf ukoll bħala "Devrimci Sol" ("Xellug Rivoluzzjonarju"), "Dev Sol")
26. It-"Triq li Tiddi" (SL) ("Sendero Luminoso")
27. "Stichting Al Aqsa" (magħruf ukoll bħala "Stichting Al Aqsa Nederland", magħruf ukoll bħala "Al Aqsa Nederland")
28. "TAK" - "Teyrbazen Azadiya Kurdistan", magħruf ukoll bħala l-"Kurdistan Freedom Falcons", il-"Kurdistan Freedom Hawks"
29. Il-"Forzi/Grupp Magħqud(a) għad-Difiża Leġittima tal-Kolombja" ("AUC") ("Autodefensas Unidas de Colombia")

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġjiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT